**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSEPH MIFSUD**

**B.A. (LEG. & INT. REL.), B.A. (HONS.), M.A. (EUROPEAN), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Brian Xuereb)**

**vs**

**Nizar Gweleg**

**Kumpilazzjoni numru 320/2017**

**Illum 13 ta' Ottubru 2022**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Nizar Gweleg, detentur tal-karta tal-identita' Ungeriza bin-numru 007360BE u l-Passaport Ungeriz bin-numru BH6436839, billi huwa akkuzat talli nhar l-01 ta' April 2017 gewwa s-Swieqi, Malta:

1. Dolozament bil-hsieb li jaghmel delitt u cioe' li joqtol lil Hayat Lberrimi, jew li jqieghdilha hajjitha f'periklu car, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt, liema delitt

ma giex esegwit, minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta tieghu. (Art. 41, 211 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta).

2. Ikkaguna griehi ta' natura gravi fuq Hayat Lberrimi meta saru fuq mara tqila, gabilha l-abort. (Art. 218(c) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta).

3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, b'ikel, b'xorb, b'medicini, jew bi vjolenza, jew b'kull mezz iehor, jikkaguna l-abort ta' mara tqila u cioe' Hayat Lberrimi, sew bil-kunsens kemm ukoll minghajr il-kunsens taghha. (Art. 241 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta).

4. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, dolozament, ta jew gieghel lil Hayat Lberrimi tiehu sustanzi velenuzi jew li jaghmlu hsara, li jistghu jkunu ta' deni jew ta' hsara ghas-sahha. (Art. 244 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta).

5. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, bla ordni skont il-Ligi tal-awtorita` kompetenti u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil Hayat Lberrimi kontra l-volonta` taghha, jew ta l-post biex fih din il-persuna tigi arrestata, mizmuma jew issekwestrata. (Art. 86 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta).

6. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, seraq telefon cellulari tad-ditta iPhone, ghad-detriment ta' Hayat Lberrimi, talli serq huwa aggravat bil-valur, vjolenza, lok u hin. (Art. 262(a), 267, 269, 275, 279(a)

u 280 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta); (Art. 218(c) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta).

7. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, uza vjolenza sabiex gieghel lil Hayat Lberrimi taghmel, thalli ssir, jew tonqos milli taghmel xi haga. (Art. 251 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta).

8. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, fil-waqt li kien qed jaghmel reat kellu fuq il-persuna tieghu arma regolari (strument li jaqta' u bil-ponta). (Art. 55(a) tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta).

9. U fl-ahharnett akkuzat talli sar recidiv skont l-Artkolu 49 u 50 tal-Ligijiet ta' Malta, b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta), Magistrat Dr. Aaron Bugeja LL.D, datata 28 ta' Frar 2017, sentenza li saret definittiva u li ma tistax tigi mibdula.

Rat in-nota tal-Avukat Generali (*a fol. 721*) datata 21 ta' Jannar 2021 li permezz taghha baghat lill-imputat biex jigi ggudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub taht:

- Fl-Artikoli 214, 215 u 218(1)(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-Artikolu 241 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-Artikolu 244 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 86 u 87(1)(c)(e)(f) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 261(a)(c)(e)(f), 262(1)(a)(b), 267, 269, 270, 274(a), 275, 277(a), 279 u 280(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 251(1)(2) u 250(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

- Fl-Artikolu 55(a) u 56 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 17, 20, 49, 50 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat illi waqt l-udjenza tat-28 ta' Jannar 2021 (*a fol. 722)* gew moqrija l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali fil-21 ta' Jannar 2021, u f'liema seduta l-imputat iddikjara li ma ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti bi procedura sommarja.

Rat illi, waqt is-seduta tat-28 ta' Jannar 2021 il-Prosekuzzjoni nfurmat lill-Qorti li ma kellhiex aktar provi xi tressaq f'dan il-kaz u b'hekk ghalqet il-provi taghha;

Rat illi, waqt is-seduta tat-28 ta' Ottubru 2021, il-Qorti kkoncediet zmien lill-partijiet sabiex jipprezentaw is-sottomissjonijiet taghhom bil-miktub dwar dan il-kaz fejn ghandhom jittrattawh kemm min-naha ta' difiza u kif ukoll min-naha ta' parte civile;

Rat illi l-Prosekuzzjoni pprezentat is-sottomissjonijiet taghha bil-miktub fit-30 ta' Novembru 2021;

Rat fit-28 ta' Dicembru 2021 id-difiza pprezentat is-sottomissjonijiet taghha bil-miktub;

Rat illi ghalkemm il-Parte Civile kellha l-fakulta li tipprezenta n-nota ta' sottomissjonijiet taghha bil-miktub, din in-nota ma gietx ipprezentata.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti.

*XHIEDA*

F'dan il-process xehdu disgha u tletin (39) xhud kif gej:

PS 1362 Jonas Schembri (*a fol* 209 et. seq.); PS 850 Stephen Micallef (*a fol* 222 et. seq.); Spettur Trevor Micallef (*a fol* 229 et. seq.); Hayat Lberrimi (*a fol* 231 et. seq.); PC 906 Elio Joe Gatt (*a fol* 241 et. seq.); WPC 367 Emelin Micallef (*a fol* 243 et. seq.); Dr. Leontine Calleja (*a fol* 254 et. seq.); PS 826 Matthew Parnis u PC 1331 Darren Debattista (*a fol* 256 et. seq.); WPS 325 Victoria Fenech Buontempo (*a fol* 258 et. seq.); Dr. Marisa Cassar (*a fol* 260 et. seq.); Huoto Nazmi Khalil (*a fol* 262 et. seq.); Helenio Galea (*a fol* 269 et. seq.); Spettur Nikolai Sant (*a fol* 275 et. seq.); Hayat Lberini (*a fol* 296 et. seq.); PC 1461 Alfred Bray (*a fol* 313 et. seq.); Dr. Rodianne Camilleri Agius (*a fol* 324 et. seq.); Mr. Albert Scerri (*a fol* 327 et. seq.); Dr. Sarah Ellul (*a fol* 332 et. seq.); Dr. Miljan Milic (*a fol* 334 et. seq.); Dr. Marisa Cassar (*a fol* 341 et. seq.); Narcis Ben Naser (*a fol* 348 et. seq.); Mohamed Ali Lahderi (*a fol* 353 et. seq.); Hayat Lberrimi (*a fol* 356 et. seq.); Dr. Marisa Mifsud (*a fol* 359 et. seq.); Spizjar Godwin Sammut (*a fol* 367 et. seq.); WPC 353 Jerline Urry Sant (*a fol* 376 et. seq.); Spettur Nikolai Sant (*a fol* 378 et. seq.); Dr. Josephine Psaila (*a fol* 392 et. seq.); Joseph Mallia (*a fol* 403 et. seq.); Espert Joseph Mallia (*a fol* 443 et. seq.); Dr. Francis Borg (*a fol* 473 et. seq.); Emel Abboushi (*a fol* 487 et. seq.); Emel Abboushi (*a fol* 527 et. seq.); Dr. Marisa Mifsud (*a fol* 589 et. seq.); Dr. Martin Bajada (*a fol* 653 et. seq.); Eunice Grech Fiorini (*a fol* 699 et. seq.); Eunice Grech Fiorini (*a fol* 724 et. seq.); Helenio Galea (*a fol* 725 et. seq.); Hajat Liberini (*a fol* 743 et. seq.).

**<u>RIJASSUNT TAX-XHIEDA</u>**

- **<u>Xhieda Miġbura waqt l-Inkjesta Maġisterjali</u>**

**<u>Hayat Lberrimi</u>** (Fol. 40) xehdet quddiem il-Perit Legali Dr Leontine Calleja li nhar is-Sibt l-ewwel (1) ta' April 2017 hija u l-għarus tagħha Ashref ħarġu jduru u anke marru jixtru. Ashref imbagħad qalilha biex jmorru lura fl-appartament tiegħu għax kellu sorpriża għaliha. Qabel marret l-appartament ta' Ashref, hija marret id-dar tittawwal lit-tfal tagħha u wara marret l-appartament ta' Ashref fejn sabet ħames xemgħat mixgħula fil-kamra tas-sodda. Kompliet tgħid li xi ġimgħa aktar qabel kienet indunat li kienet qed tistenna tarbija minn ta' Ashref. Ashref issuġġerielha li jmorru Tunes biex ineħħu t-tarbija iżda hija ma riditx.

Kompliet tgħid li hi u Ashref daħlu fil-kamra tas-sodda u kellhom x'jaqsmu flimkien. Waqt li kienu hemm daħlu tnejn min-nies li kellhom wicchom mgħotti li x-xhud ma setgħetx tagħraf jekk kinux l-istess nies li kienu jgħixu fl-appartament. Dawn kellhom skieken f'idejhom. Kif daħlu Ashref qam minn fuqha u qalilha li ma riedx it-tarbija. Ħadulha l-mobile u bdew jeħdulha l-videos kif wkoll bdew jagħtuha bis-sikkina. Huma rabutulha idejha u saqajha b'tie wraps u tefgħulha xugaman ma' wiccha li kien fih xi spirtu. Tawha pillola ġo ħalqha u anke għamlulha oħra fil-parti privata tagħha. Ix-xhud spjegat li waqt li kienet marbuta dawn ippruvaw wkoll idaħħlu idejhom fil-parti tagħha biex joħorġulha l-baby. Hija imbagħad intilfet minn sensieha u sabet ruħa fid-dar ta' ommha. Għalhekk ma ftakritx x'ġara wara li intilfet minn sensieha. Taf biss li ġew il-pulizija u marret l-Isptar.

Hayat Llberrimi reġgħet ġiet imsejħa biex tixhed mill-espert legali peress li ġie rappurtat li hija kienet taf fejn kien l-allegat aggressur tagħha u li kienet identifikat l-persuni ta' miegħu. Dan meta fl-ewwel stqarrija tagħha ma kienet indikat lil ħadd.

Fit-tieni stqarrija tagħha Hayat qalet li l-aggressuri kienu tlett (3) rġiel u li kienet għarfithom minn leħinhom u mill-forma tagħhom. Dak li kien qed jieħu l-video kien Nizar Gweleg. Dan kien ġab il-mobile mill-handbag tagħha. Gweleg kien il-persuna li daħħal il-pillola fil-parti tagħha u beda jdaħħal idejh fil-parti intima tagħha. Kompliet tgħid kif dawn it-tlieta daħlu fil-kamra rabtulha idejha u saqajha flimkien u Gweleg beda joħdilha l-video. Imbagħad bdew jsaqsu lil xulin għall-pillola. Din ġabha Imed Umbess u Ashref taha waħda f'ħalqha. Ashref beda jiftħilha ħalqha biex jara li hi kienet belgħet il-pillola. Nizar imbagħad fetħilha saqajha u rabathomlha miftuħin ma' kull ġenb tas-sodda. Nizar imbagħad daħħal pillola fil-parti tagħha u beda jgħid lil Ashref biex jgħinu billi jagħtiha bis-sieq f'zaqqha. Spjegat li Umbess għen biss biex hi intrabet u ma tahiex daqqiet.

Tenniet wkoll li Ashref beda jniggizha bis-sikkina biex iqajjimha għax bdiet tintilef minn sensieha peress li għamlulha xi ħaġa max-xugaman biex ixxommha. Nizar wkoll beda jniggizha b'sikkina. Wara dan hija ma ftakret xejn izjed u x'ħin qamet sabet ruħha l-Isptar.

Ix-xhud kompliet tgħid li hija ħassret il-ħbieb tagħha kollha minn fuq facebook u għamlet friend request lill-ħbieb ta' Ashref u Imed Umbess u

Tarak u Nizar u bdiet titfa' r-ritratti ta' dak li kienu għamlulha. Wieħed li ra r-ritratti u li jismu Jamal Alhone għamel kuntatt magħha u qalilha li kienu għandu l-ġurnata ta' qabel fil-Polonja. Qalilha li mill-Polonja kienu se jmorru l-Isvezja. Infatti ħabib tiegħu kien qatagħlhom biljett biex immorru l-Isvezja.

Temmet tgħid li Nizar kien qed ikellimha kuljum u anke qalilha biex tmur l-Isvezja fejnu. Hi ma urithux li kienet għarfitu. Nizar bgħattilha d-dettalji tal-flight biex hija tkun tista' tmur b'titjira tar-Ryanair għal Stokkolma. Dan biex jagħtiha rigal u biex hija tistrieħ wara dak li għaddiet minnu.

Qalet wkoll li l-isptar kienu ikkonfermawlha li kienet tilfet it-tarbija u fil-fatt kienet għadha qed tara d-demm.

**Narjes Ben Nasaon** (Fol. 43) xehdet li hija bint Hayat Lberrimi. Dakinhar tal-ewwel (1) ta' April 2017 ommha qaltilha li kienet ħierġa ma' Ashref. Ix-xhud qalet li aktar tard filgħaxija hija ippruvat tagħmel kuntatt ma' ommha biex tkellimha. Dan il-kuntatt baqa' ma seħħx u ommha lanqas cemplitilha lura kif kienet tagħmel is-soltu. Hija inkwetat u għalhekk marret fil-flat ta' Ashref biex tara ommha fejn kienet. Hi ma marritx weħidha iżda magħha mar il-ħabib tagħha Muhammed Lehderi. Hija rnexxielha tidhol mill-bieb tal-komun u telgħet fl-appartament fejn kienet qed toqgħod ommha. Hija baqgħet dieħla fl-appartament għaliex il-bieb kien miftuħ. Il-post kien imqalleb u kien hemm il-mużika mixgħula. Innotat li kien hemm ħwejjeġ mal-art u tazzi. Sabet tazzi tal-alkoħol u anke kaxxa tas-surgical gloves. F'kamra oħra kien hemm is-sodda

mqallba u ħwejjeġ mal-art li għarfet li kienu ta' ommha. Rat wkoll skieken fuq it-twaletta. Hija semgħet leħen ta' xi ħadd qiegħed jingħi. Il-ħoss kien ġej mill-ensuite. Muhammed li kien magħha sfronda l-bieb u sabet lil ommha mal-art, mingħajr ħwejjeġ u b'idejha marbutin. Kellha tape imdawwar ma' ħalqha, m'għonqha u rasha u mal-wicc. Ix-xhud neħħiet it-tape minn ħalq ommha u imbagħad użat waħda mis-skieken li kien hemm biex tneħħilha t-tie wraps. Omma kienet mitlufa minn sensieha. Sadanittant waslet in-nanna tax-xhud u omm Lberrimi. In-nanna tax-xhud qaltilha biex tibda tnaddaf il-kamra u x-xhud bdiet tiknes. Innutat li kien hemm confetti ikkuluriti u anke likwidu fl-art. Rat wkoll żewġ siringi mingħajr labra u anke pillola. Is-siringi ma messithomx iżda l-pillola ġabritha u tatha lin-nanna tagħha. Huma ippruvaw jgħidu lil ommhom biex icemplu għall-pulizija. Iżda hija ma riditx.

Ix-xhud stqarret li imbagħad iddecidew li jieħdu lil ommha fid-dar tan-nanna tagħha. Ix-xhud u Muhammed għenuha biex toħroġ mill-appartament u tmur fir-residenza ta' omm Lberrimi. Il-Ħadd filgħodu ommha imbagħad bdiet tgħid biex tmur l-Isptar. Waħda li għandha supermarket qrib tagħhom cemplet għall-ambulanza. X'ħin wasal pero t-tim mediku, dan insista li qabel jmorru l-Pulizija fuq il-post.

**<u>Mohamed Ali Lahderi</u>** (Fol. 47 et seq) xehed li huwa ħabib ta' Narjes. Dakinhar tal-ewwel (1) ta' April 2017, Narjes kienet inkwetata fuq ommha għaliex kienet qed tipprova iccemplilha u ma kinitx qed taqbadha. Hu u Narjes għalhekk marru fl-appartament fejn kienet tirrisjedi ommha. Huma rnexxielhom jidħlu fl-appartament. Kien hemm il-mużika tgħajjat. Innutaw li kien hemm tazzi u fliexken tax-xorb alkoħoliku imkissrin.

F'kamra tas-sodda oħra kien hemm xorb imkisser u ingwanti ġo kaxxa. Imbagħad hu u Narjes daħlu fil-kamra tas-sodda ta' Ashref u Hayat. Il-kamra kienet maħmuġa ħafna u kien hemm wkoll xi skieken. Ix-xhud beda jisma' wkoll leħen Hayat. Din kienet qed tingħi. Il-ħoss kien ġej minn kamra tal-banju li tmiss mal-kamra tas-sodda. Il-bieb kien imsakkar. Hu ma setgħax jiftħu u għalhekk tefgħu ġewwa. Huma sabu lil Hayat mingħajr ħwejjeġ. Kellha idejha marbuta wara daharha bil-cable ties u kellha cable tie ma' waħda minn saqajha. Kellha wkoll tape oħxon u b'saħħtu ma ħalqha u tape imdawwar m'għonqha. Hi ma kinitx f'sensieha. Ix-xhud issuġġerixxa li jcempel għall-ambulanza jew il-pulizija, izda Hayat għamlet sinjal li ma riditx. Sadanittant waslet in-nanna ta' Narjes u omm Hayat. Huma ippruvaw jġibu lil Hayat f'sensieha billi użaw basal u anke ħalib. In-nanna ta' Narjes (omm Hayat) issuġġeriet li jkun aħjar li jieħdu lil Hayat id-dar tagħha.

**__Hadiga Kuwash__** (Fol. 49 et seq) omm Hayat xehdet kif dakinhar tal-ewwel (1) ta' April 2017 filgħaxija hija u Narjes kienu qegħdin jippruvaw jagħmlu kuntatt ma' Hayat iżda din ma bdietx tkellimhom. Narjes għalhekk marret tfittex lil ommha fl-appartament fejn ommha kienet toqgħod ma' Ashref. X'ħin imbagħad Hadiga rat li kien għaddej il-ħin u Narjes ma marritx lura, hija marret tfittex lil Narjes fl-appartament ta' Ashref. Hekk kif daħlet fl-appartament sabet lil Hayat mixħuta fuq is-sodda. Iccekkjat jekk kinitx qed tieħu nifs. Hija imbagħad ħadet numru ta' ritratti bil-mobile tagħha. Setgħet tinnota li kien hemm xemgħa mal-art u anke skieken. Sikkina minnhom kienet maħruqa.

Hayat ma kinitx f'sensieha. Huma ippruvaw jagħtuha l-ħalib. Hi bdiet tixrob iżda imbagħad neħħiet il-ħalib u qisu trab. Hadiga qalet lil Narjes biex tibda tnaddaf peress li kien hemm ħafna ħmieg. Dan biex ikunu jistgħu joħorġu lil Hayat mill-kamra tas-sodda. Hayat ma kellhiex żarbun u għalhekk ma riditx li Hayat tgħaddi ħafja minn fuq il-ħmieġ li kien hemm. Huma ħarġu lil Hayat mill-appartament u ħaduha fl-appartament tax-xhud stess. Ix-xhud innutat li bintha kellha d-demm ħiereġ mill-parti intima tagħha. Għall-ħabta tal-ħamsa u nofs ta' filgħodu tal-Ħadd, Hayat ħarġet mid-dar u marret quddiem il-flat tal-għarus tagħha iżda x-xhud imbagħad reġgħet ġabitha lura. Għall-ħabta tas-sebgħa ta' filgħodu (07.00am) Hayat qaltilha li riedet iccempel lill-Pulizija u l-isptar. Bint Hayat marret għand tal-ħanut fil-qrib u cemplet għall-pulizija u għall-ambulanza.

**<u>Tarak Mansour Alsawit</u>** (Fol 53 et seq) qal li hu jgħix l-Isvezja imma kien ġie Malta apposta għal dan il-kaz. Huwa telaq minn Malta fl-ewwel (1) ta' April 2017 permezz ta' titjira tal-Wizz Air għall-Polonja. Hu kien siefer ma' Ashref Marghami, Nizar Gweleg u Emad Embis. Hu kien ġie Malta fl-erbgħa u għoxrin (24) ta' Frar 2017. Eventwalment hu kien mar jgħix fil-flat ta' Ashref. Fl-istess appartament kien hemm jgħixu Hayat u Emad u hu kien ir-raba' persuna fl-appartament. Bejnu u bejt Hayat kien hemm rispett kbir u kien iqisha bħala oħtu. Hayat kienet it-tfajla ta' Ashref.

Kompla jgħid li huwa kien qed jippjana biex jitlaq minn Malta waħdu u jmur lura l-Isvezja. Huwa talab lil Emad jgħinu biex jaqtagħlu l-biljett għall-Polonja peress li ma setax jidħol l-Isvezja dirett. Hu kien mingħalih li kien sejjer waħdu izda xi ġimgħa qabel it-titjira, Ashref, Nizar u Emad

kienu iddecidew li jmorru miegħu. Ix-xhud qal li ma kienx konxju jekk Hayat kinitx taf li dawn kellhom isiefru.

Ix-xhud qal li Hayat kienet qaltlu li kienet tqila fil-presenza ta' Ashref u hu kien ferħilhom it-tnejn li huma. Dakinhar tal-ewwel (1) ta' April 2017 l-aħħar li kien ra lil Hayat kien bejn is-sagħtejn u t-tlieta ta' wara nofsinhar. Ashref qallu li Hayat kienet sejra twasslu l-ajruport.

Rigward Nizar, Tarak qal li dan ma kienx joqgħod fl-appartament ta' Ashref u Hayat izda kien imur kuljum għandhom fir-residenza tagħhom.

Ix-xhud qal li huwa kien mar l-ajruport fl-erbgħa u nofs ta' wara nofsinhar u baqa' l-ajruport jistenna l-ħin tat-titjira. Ashref u Nizar kienu waslu tard ħafna għat-titjira. It-tnejn kienu mgħaġġlin. Fuq l-ajruplan huma talbu l-alkoħol, xorbu u raqdu sakemm waslu l-Polonja.

Hekk kif sar jaf b'dak li kien ġara Tarak affaccja lil Ashref u Ashref qallu li kien għamel xi ħaġa fuq Hayat. Pero ma tahx dettalji. Lanqas indikalu li Nizar kien involut imma ix-xhud intebah li Nizar kien involut wkoll. Waqt li kienu l-Polonja, Tarak kien innota li Ashref kellu xi daqqiet ta' mus fuq sidru li kienu jidhru friski. Imma Ashref ma kien qallu xejn fuqhom. Nizar qatt ma tkellem rigward dan il-kaz.

Fl-erbgħa (4) ta' April ix-xhud imbagħad ħa ferrovija mill-Polonja u mar l-Isvezja. Hu kien mar l-Isvezja ma' Nizar u Emad. Kif wasal l-Isvezja huwa telaq għal rasu. Ix-xhud qal li kien jaħseb li Emad kien qiegħed Malmo izda rigward Nizar ma kienx jaf fejn dan kien mar wara li dan

wasal Stokkolma. Ix-xhud eskluda li Emad kien involut fil-kaz għax dakinhar li seħħ l-incident dan kien il-ħin kollu miegħu. Rigward Ashref dan kien semma' li kien sejjer il-Ġermanja. Għalkemm huwa kien telaq magħhom bil-ferrovija, huwa ma kienx jaf fl-liema stazzjoni kien nizel.

**<u>L-Ispettur Nikolai Sant</u>** xehed quddiem il-Maġistrati Inkwirenti fl-erbgħa u għoxrin (24) ta' April 2017 (Fol 193 et seq). Huwa beda biex qal li in segwitu għal dak li kienet stqarret Hayat Lberrimi quddiem l-espert tekniku Dr Leontine Calleja huwa kien talab għall-ħruġ ta' mandati ta' arrest Ewropew fil-konfront ta' Ashref Marghami u Nizar Gweleg. In segwitu għall-ħruġ ta' dawn il-mandati ta' arrest Ewropew hu kien ġie mgħarraf minn Stokkolma li Ashref ma kienx fid-database tal-Isvezja iżda Gweleg kien ġie kundannat għal sentenza ta' priġunerija ġewwa l-Isvezja u kien ġie rilaxxat mill-kustodja fit-tmienja (8) ta' Awissu 2016. Ix-xhud qal wkoll li minn informazzjoni miġbura dawn iż-żewġ suspettati flimkien ma' żewġ suspettati oħra kienu siefra lejn il-Polonja fl-ewwel (1) ta' April 2017 ma' Wizzair. Skont informazzjoni mogħtija lill-Pulizija minn Tarek Mansour Alsawit, Ashref u Gweleg kienu qegħdin l-Isvezja u li possibilment Gweleg kien qabad ferrovija mill-Isvezja għall-Berlin.

- **<u>Xhieda li Xehdu quddiem din il-Qorti</u>**

**<u>Id-Deputat Registratur Margaret De Battista</u>** xehdet fis-seduta tal-erbatax (14) ta' Awwissu tas-sena elfejn u sbatax (2017) fejn esebiet *Process Verbal* bin-Numru 283/2017, redatt mill-Maġistrat Dr Consuelo Scerri Herrera (Fol. 15 *et seq.*).

**<u>PS 1362 Jonas Schembri</u>** (Fol. 209 *et seq*) xehed fis-seduta tal-erbatax (14) ta' Awwissu tas-sena elfejn u sbatax (2017) fejn irrakkonta kif nhar it-tnejn (2) ta' April tas-sena elfejn u sbatax (2017) , kien ġie nominat bħala espert tal-impronti digitali mill-Maġistrat Dr Scerri Herrera. Huwa ġie mgħoddi sitt (6) esebiti mingħand PS 1184 Patrick Grech. Dawn kien erba' (4) skieken, waħda ta' dsatax –il ċentimetru (19 cm) , oħra ta' erbatax –il ċentimetru (14 cm) u tnejn (2) ta' għoxrin ċentimetru (20 cm), *roll-tape* ta' lewn kannella u biċċiet tat-tape wżati misjubin estrani. Stqarr li dawn ġew mgħoddija għandu biex isiru eżamijiet kimiċi għal żvilupp tal-*finger prints*, fejn fuq l-iskieken ma rriżulta l-ebda *finger prints*, pero' fuq ir-*roll-tape* l-ewwel eżami tas-*super glue fuming* irriżulta *finger print* wieħed (1), u dan ittieħed ritratt tiegħu nnumerat bħala Dokument CF13 u ġie dokumentat bħala '17 AVZ-C-SG1'. Ikompli jistqarr li dan l-istess *finger print* imbagħad għaddieh minn ġo proċess ta' *dye staining* u ġie dokumentat bħala '17AVZ-C-BY1' u ttieħed ritratt tiegħu taħt *natural light* u ġie dokumentat bħala Dokument CF14. Imbagħad ittieħed bħala *blu light* u ġie dokumentat bħala Dokument CF15. Stqarr li min-naħa tiegħu ma jistax iqabbel il-*finger prints*. Dwar il-mertu u d-dettalji tal-każ ikkonferma li ma jkunx jaf bihom. Madanakollu jikkonferma li l-*finger*

*print* instab minn fuq ir-*roll* u mhux mit-tape użat, anzi mit-tape użat ma ttella' xejn.

**<u>PS 850 Stephen Micallef</u>** (Fol. 222 *et seq*) xehed fis-seduta tal-erbatax (14) ta' Awwissu tas-sena elfejn u sbatax (2017). Hu stqarr li nhar it-tnejn (2) ta' April tas-sena elfejn u sbatax (2017) ġie infurmat li kien hemm glieda fi Triq il-Qasam, Swieqi, u x'ħin mar fuq il-post sab li diga kien hemm ambulanza. Jgħid li milli qalulu tal-ambulanza u milli qaltlu t-tifla tal-vittma, ntebaħ li kien każ ta' abort u mhux glieda. Jistqarr li fuq il-post mar flimkien ma PS 345 u PC 1461, filwaqt li fuq il-post fejn ġara l-abort mar mat-tifla tal-vittma, u hemm kien hemm erba' (4) skieken, waħda minnhom maħruqa, tape ta' lewn kannella, żewġ (2) xemgħat, flixkun tal-marka Gordon's Gin u xi taqlib fis-sodda. Jistqarr li fuq il-post ma setgħax ikellem lil vittma personalment, għaliex ma kinitx fi stat li jkellimha. Jikkonferma li l-vittma kien jisimha Hayat Lberrimi. Eventwalment informa lill-Ispettur Nikolai Sant li nforma lill-Maġistrat tal-Għassa. Jikkonferma wkoll li ċċekkja il-post għall-*cameras* pero' ma kienx hemm, u mar l-isptar sabiex ikun jista' jkellem lill-vittma.

Ix-xhud ikompli jistqarr li l-vittma qaltlu li kellha xahrejn tqala, u li kien hemm l-għarus tagħha Ashref li kien daħħalha fil-kamra tas-sodda biex ikollu x'jaqsam magħha. Hu kien rabatha. Mal-għarus tagħha kien hemm żewġ (2) persuni oħra li kienu mgħammda illi eventwalment daħlu miegħu. Is-surġent ikompli jirrakkonta kif fuq il-post, eżatt kif tidħol innota xi tape imdawwar qisu bħal meta tuża t-tape u taqilgħu, jiġi qisu bla forma, u informa lis-*scene of crime officers* biex dak jelevawh ukoll. It-tfittxija għall-għarus tagħha rriżultat fin-negattiv, pero' l-vittma qaltlu li

wieħed minn dawn iż-żewġ (2) irġiel kien Gweleg Nizar ta' nazzjonalita' Ungeriża u kellu Karta tal-Identita' tal-Ungerija bin-Numru: 241972. Ikompli jiddikjara li meta saqsiha kif tista' tagħrfu, il-vittma qaltli li huma l-akbar ħbieb tal-għarus tagħha u li kienet anke għarfitu mill-fattizzi tal-istatura tiegħu u kollox. Dwar it-*tape roll* jgħid li hu sab it-tape roll użat. Pero' apparti minn hekk sab strippep tat-tape illi kienu wżati mal-art, pero' mhux fil-kamra tas-sodda. Ir-*roll* kien ta' lewn kanella u kien qisu *masking tape*. Barra mit-taqlib fis-sodda, sab ukoll kopja tal-kuntratt tal-kera tal-appartament. Is-surġent esebixxa il-*pirs report* li ġie mmarkat bħala Dokument 'SM1'

**<u>L-Ispettur Trevor Micallef</u>** (Fol. 229 *et seq*) xehed fis-seduta tal-erbatax (14) ta' Awwissu tas-sena elfejn u sbatax (2017). Huwa ikkonferma li għall-ħabta tal-ħdax ta' filgħodu (11.00 am) ta' nhar il-ħamsa (5) ta' Awwissu tas-sena elfejn u sbatax (2017) kien preżenti għall-i*statement* li ħa l-Ispettur Nikolai Sant lil Nizar Gweleg, u kkonferma li qed jagħrfu fl-awla. Stqarr li Nizar Gweleg kien ingħata s-solitu twissija, kellem lill-Avukat tal-għajnuna legali permezz tat-telefon u wara kien irrilaxxa stqarrija u għażel li jiffirmaha. Ikkonferma li l-istqarrija tinsab a folio 10 *et seq* tal-proċess u li għaraf il-firma tiegħu, tal-iSpettur Nikolai Sant u ta' Nizar Gweleg.

**<u>Il-Vittma u *Parte Ċivile* Hayat Lberrimi</u>** (Fol. 231 *et seq*) xehdet fis-seduta tal-erbatax (14) ta' Awwissu tas-sena elfejn u sbatax (2017) u kif ukoll fis-seduta tas-sebgħa u għoxrin (27) ta' Novembru tas-sena elfejn u sbatax (2017) (Fol. 296 *et seq*). Hija stqarret li hija kellha għarus, u ċioe' Ashref Marghami li kienet ilha miegħu għaxar (10) xhur. Tgħid li meta Ashref

kien sar jaf li hija tqaila qatt ma qal li ma jridx t-tarbija, anzi kien ferħan. Ġara li fl-ewwel (1) ta' April tas-sena elfejn u sbatax (2017) hija marret flimkien miegħu s-suq ta' Birkikara minn fejn jixtru l-ħwejjeġ tat-trabi u xtrat ħwejjeġ tat-tqala għaliha personali.

Tistqarr daħlu lura d-dar normali għall-ħabta tal-ħamsa ta' wara nofsinhar (5.00pm), u meta daħalu neħħew il-ħwejjeġ u kellhom x'jaqsmu sesswalment flimkien. Pero' waqt li kienu fuq is-sodda mingħajr ħwejjeġ rat rġiel fuq rasha, lebsin maskra u ngwanti f'idejhom u wieħed minnhom kellu xi xugaman żgħir jew *facecloth* blu u poġġih fuq wiċċha u fuq imneħirha u fuq ħalqha wkoll. Dan ix-xugaman kien fiha xi spirtu u kien għalhekk li ma kinitx f'sensiha. Hi xorta pero kienet qed tara u tisma kollox. Dawn l-irġiel rabtulha idejha bit-*tie clips* u għamlulha *masking tape* ma' ħalqha. Fil-bidu rabtulha jdejha minn quddiem bit-*tie clips* u rabtulha saqajha waħda fuq il-lemin u l-oħra fuq ix-xellug. Wara reġgħu rabtulha jdejha minn wara u għamlu rabta ma saqajha wkoll. Tgħid li kienu tlieta (3) flimkien mal-għarus tagħha. Dan tal-aħħar f'ħin minnhom qal lil wieħed mill-irġiel biex imur barra biex joqgħod għassa mal-appartament u għolla l-mużika b'volum għoli.

Sadanittant ix-xhud baqgħet marbuta fil-kamra. Mistoqsija ma xiex rabtulha jdejha, tgħid li rabtuhom mas-sodda. Imbagħad ġabu l-pilloli, kissruhom, u filwaqt li l-għarus tagħha għamilielha ta' bilfors f'ħalqa, Nizar fetħilha saqajjha u daħħal il-pillola l-oħra fil-parti ġenitali tagħha. Imbagħad reġgħu rabtulha jdejha t-tnejn ma sieq waħda. Tkompli tistqarr li kienet għadha marbuta bit-*tie clips* u ħallewha sieq waħda 'l hemm

mhux marbuta, u dan biex Nizar idaħħlilha l-pillola mill-parti ġenitali tagħha.

Fl-istess ħin ħa il-*mobile* tagħha u filwaqt li talabha l-*password* u hija tatulhu beda jieħu filmat ta' dan kollu. Il-*mobile* ħadu miegħu Nizar Gweleg. Tgħid li mbagħad qabad il-*handbag* tagħha u beda jfittex ġo fih u lill-ħabib tiegħu qallu li kellha xi affarjiet ta' valur bħal deheb u hekk, u l-ieħor qallu li dak li jsib ta' valur jieħdu. Tistqarr li ħadulha kollox minn ġo fih, inkluż l-*mobile* u ċurkett tad-deheb abjad. Dan ic-curket ratu uzat bħal pendent fuq il-ġiżirana ta' Nizar fuq ritratt li huwa tella' fuq *facebook*, madwar ġimgħatejn jew tlett ġimgħat wara li seħħ dan l-inċident. Tgħid ukoll li waqt li kien qed jiġri dan l-inċident kien qed iċemplilhom ċertu Mohammed jgħidilhom biex iniżlulu l-arloġġ għax kien nesieh fid-dar.

L-irġiel kienu għadhom qed jippruvaw jitilfuha minn sensiha pero' hi kienet għandha ftit f'sensiha. Dak il-ħin wieħed minnhom ħa sikkina u qabad jagħtiha bis-sikkina, u laqtet daqqet fuq il-koxxa tax-xellug. Tgħid li l-għarus tagħha beda jitla u jaqbeż fuq żaqqha, filwaqt li Nizar baqa' jirsisti u jgħidlu biex ikompli jaqbeż. Ashref beda jagħfas fuq żaqqha u Nizar kellu l-ingwanti f'idejh u pprova jdaħħal idejh sabiex jagħmel ħsara lit-tarbija u fl-istess ħin jipprova joħrog it-tarbija. Kien hawn li tqattgħetlu l-ingwanta u għarfet li kien Nizar minn leħnu. Apparti minn hekk x'ħin tqattgħeltu l-ingwanta hija ratlu t-*tattoo* li kellu fuq idejh. Taf bit-*tattoo* peress li meta ħareg mill-ħabs kien imur għandhom fejn l-għarus tagħha, u kienet konxja li kellu *tattoo* 'M' f'idejh fuq in-naħa tal-lemin. Imbagħad intilfet minn sensiha u spiċċat l-isptar.

Tgħid li kienet bintha Narjes li għandha madwar sittax –il sena (16) u l-ħabib tagħha li sabuha fid-dar għall-ħabta tal-għaxra (10.00pm) jew l-għaxra u nofs ta' filgħaxija (10.30pm). Huma ħaduha d-dar u ta' omm ix-xhud u pruvaw iġibuha f'sensiha. Dan l-inċident ġara fl-ewwel (1) ta' April għaliex skont hi l-pulizija sabuha 'l għada tnejn (2) ta' April. L-incident seħħ ġewwa d-dar li hija u l-għarus tagħha jikru. Tikkonferma li t-tarbija kienet minn tal-għarus tagħha Ashref Marghami

Ix-xhud tgħid li wieħed mill-irġiel ħareġ 'il barra mill-kamra, ieħor baqa' għassa, filwaqt li l-għarus tagħha u Nizar għamlu kollox. Tgħid li l-għarus tagħha ma kienx liebes ingwanta, iżda kien Nizar li kien libes l-ingwanta, li skont ix-xhud tqattgħet biċċa minnha waqt li kien qed jigbed il-*baby* minn ġol-parti ġenitali tagħha. Il-vittma tistqarr ukoll li wara li ġara dan kollu lil Nizar baqgħet tkellmu b'mod normali u ma wrutix li kienet għarfitu. Nizar kien iċemplilha ta' spiss u kien jgħidilha li kien jaf li kienet niżlet ismu.

Finalment il-vittma tgħid li Nizar kien ukoll vittma ta' Ashref u li lil Nizar ħafritlu u lesta tirrinunzja għal dak kollu li huwa rinunzjabbli.

Il-vittma u *Parte Ċivile* reġgħet ġiet riprodotta (Fol. 356 *et seq*) fis-seduta tal-ħmistax (15) ta' Marzu tas-sena elfejn u tmintax (2018) fejn ippreżentat tnax (12) –il ritratt meħuda permezz ta' iPhone 6, minn fuq *Facebook* li ġew mmarkata bħala Dokument 'HLX1'. F'ritratt minnhom jidher ċ-ċurkett tagħha li kienet tilbes qabel inqalgħu l-problemi u mbagħad l-imputat libsu m'għonqu wara l-problemi.

Tistqarr ukoll li kienet marret tagħmel *check up* għand it-tabib tan-nisa, fejn ġiet mgħarrfa li meta neħħewlha t-tarbija spiċċat ma jistax ikollha iżjed tfal.

**<u>Fil-kontro-eżami</u>** (Fol. 743 *et seq*) li sar fis-seduta tat-tletin (30) ta' Lulju tas-sena elfejn u wieħed u għoxrin (2021) il-vittma u *Parte Ċivile* kkonfermat li l-imputat Nizar Gweleg kien ta' spiss imur fl-appartament tagħha u ta' Ashref. Kuljum kien imur. Ġieli anke kien imur bl-għarusa tiegħu Maltija u darba kellu Tuneżina wkoll. Mistoqsija jekk kienx ipejjep tgħid li kien ipejjep. Tgħid li lill-imputat Nizar Gweleg ma tafx eżatt kemm kienet ilha tafu.

Ix-xhud taqbel li dak inhar tal-inċident Ashref kien qalilha li għandu rigal għaliha, imbagħad marru f'waħda mill-kmamar tas-sodda tal-appartament. Tgħid li l-ewwel daħlu huma fil-kamra tas-sodda, imbagħad daħlu fuqhom l-irġiel b'wiċċhom mgħotti. Mistoqsija kemm kienu rġiel, tistqarr li ma tiftakarx eżatt għaliex għaddiet minn ħafna ġranet ħżiena u anke għamlet sena l-Ġermanja biex tipprova tibda ħajja ġdida u tinsa l-istorja. Issa kienet fetħet ħanut Malta fejn taħdem bħala *hairdresser*. Tgħid li wara l-inċident saret taf li Ashref kien ibiegħ id-droga. Pero' tgħid li ma tiftakarx eżatt kif saret taf.

Tikkonferma li l-appartament fejn ġara dan kollu kienu jikruh Ashref u hi flimkien minħabba li kellhom pjan li jkomplu flimkien dak iż-żmien. Tgħid li l-persuni l-oħra, il-ħbieb ta' Ashref ma kinux jgħixu magħhom, iżda sempliċement kienu jmorru għandhom. Pero' ġieli raqad għandhom xi kuġin ta' Ashref, u xi kultant kien anke jorqod għandhom ħabib ta'

Ashref, ċertu Hrajba u xi kultant anke Nizar kien jorqod xi *weekend*, meta kienu joħorġu *Paceville.*

L-istess xhud tistqarr li wara dan l-inċident kellha żewġt itfal, pero' tagħmilha ċara li batiet biex ġabithom minħabba li ħallset ħafna flus. Tgħid li t-tabib kien qalilha li kien miraklu minn Alla u li biex ġabet lit-tfal kien aktar tqum u torqod l-isptar milli barra u għaddiet minn tbatija kbira. Tikkonferma li għalkemm fil-bidu tal-każ kienet lesta li taħfirlu, issa tixtieq li tkompli bil-kawża.

**<u>PC 906 Elio Gatt</u>** (Fol. 241 *et seq*) xehed fis-seduta tal-ħdax (11) ta' Settembru tas-sena elfejn u sbatax (2017). Huwa jistqarr li fit-tnejn (2) ta' April tas-sena elfejn u sbatax (2017) kien stazzjonat l-Għassa San Ġiljan u ċempillu s-surgent biex imur fuq il-post biex joqgħod *fixed point* mal-bieb ta' appartament fis-Swieqi. Dan sabiex iħalli jidħlu biss nies awtorizzati biex b'hekk ma tintmissx l-evidenza li kien hemm ġewwa. Il-kuntistabbli jikkonferma li dan kien l-uniku involviment tiegħu f'dan il-każ.

**<u>WPC 367 Emelin Micallef</u>** (Fol. 243 *et seq*) fis-seduta tal-ħdax (11) ta' Settembru tas-sena elfejn u sbatax (2017), stqarret li fit-tnejn (2) ta' April tas-sena elfejn u sbatax (2017) kienet mas-Surgent fuq każ rigwardanti attentat ta' abort. L-unika involviment tagħha kien skont hi, li tassisti lis-Surġent sabiex imorru l-isptar Mater Dei, peress li l-vittma kienet mara.

**<u>L-Avukat Dottor Leontine Calleja</u>** (Fol. 254 *et seq*) fis-seduta tat-tmintax (18) ta' Ottubru tas-sena elfejn u sbatax (2017), ikkonfermat li kienet esperta maħtura mill-Maġistrat Inkwirenti u filwaqt li għarfet ir-rapport

tagħha a folio 38 *et seq* tal-proċess ikkonfermat il-kontenut tiegħu. Stqarret li r-ritratti kienu ntbagħtu lilha minn omm il-vittma mill-*camera* tagħha permezz tat-tifla tal-vittma, peress li omm il-vittma ma kinitx taf tibgħathom.

**<u>PC 826 Matthew Parnis u PC 1331 Darren Debattista</u>** (Fol. 256 *et seq*) li kienu ġew maħtura bħala espert tal-qorti flimkien ma PC 1331 Darren Debattista bħala *Scene of Crime Officers*, xehdu fis-seduta tat-tmintax (18) ta' Ottubru tas-sena elfejn u sbatax (2017). Huma ikkonfermaw li ma kellhom xejn x'iżidu jew inaqqsu mir-rapport minnhom preżentat. PC 826 ikkonferma li kien ġibed disgħa u tletin (39) ritratt tal-kulur filwaqt li PC 1331 kien eleva dak kollu relevanti għall-każ imsemmi minn fuq il-post.

**<u>WPC 325 Victoria Fenech Buontempo</u>** (Fol. 258 *et seq*) li kienet ġiet nominata bħala fotografu tal-vittma, xehdet fis-seduta tat-tmintax (18) ta' Ottubru tas-sena elfejn u sbatax (2017). Hija ġiet murija r-rapport tagħha stess a folio 220 *et seq* u kkonfermat li dawk kienu r-ritratti li ħadet hi ġewwa l-isptar waqt li kien hemm preżenti omm il-vittma. Kienu dawn li kienu indikawlha l-ġrieħi.

**<u>Dottor Marisa Cassar</u>** (Fol. 260 *et seq*) xehdet fis-seduta tat-tmintax (18) ta' Ottubru tas-sena elfejn u sbatax (2017). Hija ikkonfermat ir-rapport tagħha li jinsab fil-*Process Verbal*. Spjegat li f'dan il-każ kien hemm profil ġenetiku ta' mara li dejjem ħareġ, imbagħad kien hemm kampjun minnhom ċioe' dak markat bħala '17AVZ-201' li kienet loqma ta' sigarett li minnu ħareġ profil ġenetiku ta' raġel. Dan il-profil ġenetiku ta' raġel

kien f'ċertu kampjuni oħrajn ġie jidher imħallat ma' dak tal-mara, u peress li r-raġel ma kinitx taf min hu, hija tatu bħala referenza 'Raġel A'. L-esperta tiddikjara wkoll li mit-*tie clips* kien hemm ukoll profil ġenetiku ta' dan ir-'Raġel A' mħallat ma' dak tal-mara. Tgħid li dan il-profil ħareġ ukoll imma vera parzjali mill-kampjun ta' xagħar.

L-istess xhud (Fol. 341 *et seq*) fis-seduta miżmuma fil-ħmistax (15) ta' Marzu tas-sena elfejn u tmintax (2018) ippreżentat rapport li ġie esebit u mmarkat bħala Dokument 'MCX1'. Dan wara li l-inkarigu tagħha kien ġie estiz. Mill-analizi li hija għamlet, ix-xhud ikkonkludiet li l-profili ġenetici li kienu ħarġu mill-kampjuni meħuda waqt l-inkjesta maġisterjali ma kinux jaqblu mal-profil ġenetiku ta' Nizar Gweleg.

**Hutu Nazmi Khalil** (Fol. 262 *et seq*) xehed fis-seduta tat-tmintax (18) ta' Ottubru tas-sena elfejn u sbatax (2017). Huwa ikkonferma li meta l-akkużat kien ġie interrogat fl-għassa ta' San Ġiljan, kien preżenti u ffirma l-istqarrija. Huwa għaraf il-firma tiegħu fuq l-istess stqarrija.

**Helenio Galea** (Fol. 269 *et seq*) xehed fis-seduta tas-sebgħa u għoxrin (27) ta' Novembru tas-sena elfejn u sbatax (2017). Huwa ippreżent ritratti li ħa hu personalment u li juru t-*tattoes* tal-imputat Nizar Gweleg.

L-istess xhud (Fol. 725 *et seq*) xehed fis-seduta tat-tmienja u għoxrin (28) ta' Jannar tas-sena elfejn u wieħed u għoxrin (2021) fejn ikkonferma li l-imputat kien iddaħħal il-ħabs fit-tmienja (8) ta' Novembru tas-sena elfejn u sittax (2016) u ħareg fl-istess ġurnata li nqatgħet is-sentenza u ċioe' fit-

tmienja u għoxrin (28) ta' Frar tas-sena elfejn u sbatax (2017) peress li kien skonta biżżejjed ġranet fuq dik is-sentenza.

**L-iSpettur Nikolai Sant** (Fol. 275 *et seq*) xehed fis-seduta tas-sebgħa u għoxrin (27) ta' Novembru tas-sena elfejn u sbatax (2017). Beda biex qal li fit-tnejn (2) ta' April tas-sena elfejn u sbatax (2017) għall-ħabta tat-tmienja ta' filgħodu (8.00am) l-għassa tal-pulizija ta' San Ġiljan ġew infurmati b'telefonata mill-*control room* li kien hemm bżonn assistenza ġewwa Triq il-Qasam, Swieqi. PS 850, PC 345 u PC 1461 aċċedew fuq il-post fejn kellmu lil ċerta Nagis Bin Nassem li tigi t-tifla tal-allegata vittma ċertu Hayat Lberrimi. Din allegat li kellu jsir abort fuq ommha minn ċertu Ashref Marghami fil-proprjeta' li kienu qed jikru ġewwa Valley View Court, Flat 2, Triq il-Qasam, Swieqi. Jgħid li rriżulta li din l-istess Nagis Bin Nassem ta' ħmistax (15) –il sena kienet sabet lil ommha għal ħabta ta' xi tlieta u kwart ta' filgħodu (3.15am) meta marret tfittixha fl-istess appartament waqt li kienet akkumpanjata minn ċertu Mohammed Ali Laderi. Ikompli jgħid li Nagis Bin Nassem kienet qalet ukoll li kienet sabet lil ommha mingħajr ħwejjeġ, kellha wkoll xi tape madwar għonqha u madwar ħalqha u kienet imsakkra fl-*en suite bathroom* u kellhom jiżgassaw il-bieb biex jidħlu. Hija nnutat ukoll erba' (4) skieken, waħda minnhom kienet qisha maħruqha, xi tape kannella, żewġ (2) xemgħat u wkoll flixkun Gin fuq il-mejda. L-iSpettur ikompli jistqarr li bint il-vittma qalet li ħaduha fid-dar tar-residenza tan-nanna tagħha li tinsab ftit metri 'l bogħod mill-istess post u l-pulizija kif marru fuq il-post ikkonfermaw dan it-tape wara l-entratura tar-residenza. Skont ix-xhud, il-pulzija kkonfermaw ukoll li fil-bidu l-allegata vittma ma riditx tagħmel rapport pero' mbagħad wara nsistenza mill-familjari tagħha għamlet ir-rapport

tagħha. Fil-fatt kienet diga bdiet tnaddaf il-flat tagħha u kienet ukoll ippakkjat il-ħwejjeġ tagħha. Bin Nassem qalet ukoll li omma kienet ilha madwar xahrejn tqila mill-għarus tagħha Ashref li apparentement ma riedx ikollu tarbija minn tagħha u kellhom argument f'dan is-sens.

L-iSpettur jgħid li l-pulzija sabu wkoll xi kuntratt ta' kiri li ġie elevat u Bin Nassem infurmathom ukoll li Ashref seta' wkoll kellu xi kawża qabel il-Qorti u anke li seta' kien il-ħabs. Tfittxija għal Ashref u l-persuni l-oħra li kienu qed jakkumpanjawh rriżultat fin-negattiv u wara skoprew li setgħu saħansitra ħarbu minn Malta. Il-pulzija marret l-isptar Mater Dei biex tieħu l-verżjoni tal-allegata vittma fejn ikkonfermat il-verżjoni li kienet tathom it-tifla tagħha stess u żiedet tgħid ukoll li kien hemm żewġ (2) kompliċi mal-istess Ashref Marghami, wieħed mill-kompliċi rriżulta li kien Nizar Gweleg, iżda l-kompliċi l-oħra meta ġew investigati ma rriżultawx illi kienu kompliċi. L-iSpettur jiddikjara wkoll li l-vittma qaltilhom li ngħatat pillola minn ġo ħalqha minn dawn l-aggressuri u anke pillola oħra li ddaħlet fil-parti intima tagħha. Dawn kienu suspettati li kienu pilloli abortivi. Ingħatat ukoll xi daqqiet ġo l-istonku tagħha u xi daqqiet ta' ponn fuq wiċċha. Fil-fatt il-pulizija kkonfermat li kellha xi *black eyes* fuq wiċċha fuq in-naħa eżattament tal-għajn ix-xellugija, diversi grif fuq idejha u f'saqajha u l-marki tat-*tie clips* li kienet marbuta bihom f'idejha u saqajha.

L-iSpettur stqarr li dwar dan huwa informa lill-Maġistrat tal-Għassa u saret inkjesta. Ix-xhud esebixxa stqarrija li ittieħdet lil Nizar Gweleg fejn ovvjament ingħata t-twissija li seta' ma jweġibx għal mistoqsijiet li kienu ser isirulu, u kien intuża Nazmi Huoto bħala interpretu mil-lingwa

Maltija għal din Għarbija. Ix-xhud għaraf il-firma tiegħu, tas-sur Gweleg u l-firma tal-iSpettur Trevor Micallef li kien xhud ta' din l-istqarrija fuq tliet (3) paġni. Ix-xhud jistqarr li l-imputat kien innega l-involviment tiegħu fuq dawk l-allegazzjonijiet. L-iSpettur esebixxa wkoll sentenza mogħtija fil-konfront ta' Nizar Gweleg datata tmienja u għoxrin (28) ta' April tas-sena elfejn u sbatax (2017) mogħtija mill-Maġistrat Aaron Bugeja. Ġie ppreżentat wkoll il-*pirs report,* dokument tas-sur Nizar Gweleg, kif ukoll xi *recordings* li kienu ħadu u li saru bejn is-sur Gweleg u l-allegat vittma permezz tal-*internet*.

**<u>L-iSpettur Nikolai Sant</u>** (Fol. 378 *et seq*) fis-seduta tat-tmienja (8) ta' Mejju tas-sena elfejn u tmintax (2018) esebixxa sentenza fl-ismijiet *'Il-Pulizija (Spettur Trevor Micallef) vs Nizar Gweleg'* datata tmienja u għoxrin (28) ta' Frar tas-sena elfejn u sbatax (2017) mogħtija mill-Maġistrat Aaron Bugeja.

**<u>PC 1461 Alfred Bray</u>** (Fol. 313 *et seq*) xehed fis-seduta tat-tlieta (3) ta' Jannar tas-sena elfejn u tmintax (2018). Huwa stqarr li fit-tnejn (2) ta' April tas-sena elfejn u sbatax (2017) kien xogħol ġewwa San Ġiljan u daħlet telefonata biex imorru jassistu ambulanza ġewwa Valley View Court, Flat 2, Triq il-Qasam, Swieqi. Kien mar fuq il-post flimkien mas-Surġent 850 u jiftakar li kienet ġiet tkellem lis-Surġent sinjorina fejn qaltilhom li xi ħadd kien rabat lil ommha u żammewha kontra l-volonta tagħha fl-appartament. Jgħid li telgħu fuq u innutaw li l-art kienet miknusa. Baqgħu deħlin fil-kamra tas-sodda fejn raw flixkun xorb u erba' (4) skieken li waħda minnhom kienet maħruqa. Wara ftit is-Surġent qallu biex imur l-Għassa biex iġibu pulizija oħra biex iħalluha barra fejn kien ġara l-każ. Jistqarr li fil-post kien innota li kien hemm *tie clips u* ċintorini

tal-*plastic*. Kien hemm ukoll xemgħat fil-kamra tas-sodda wkoll. Jgħid ukoll li kif telgħu kien hemm il-bieb sgassat ta' barra qisu xi ħadd tah daqqa ta' sieq u l-kamra tas-sodda kienet imqallba. Pero' x-xhud ma ħa l-ebda verżjoni u ma kellem lil ħadd.

**<u>L-iSpeċjalista Dr Rodianne Camilleri Agius</u>** (Fol. 324 *et seq*) li kienet nominata bħala esperta fl-inkjesta, xehdet fis-seduta tas-sitta (6) ta' Frar tas-sena elfejn u tmintax (2018), fejn stqarret li fit-tnejn (2) ta' April tas-sena elfejn u sbatax (2017) hija kienet eżaminat lil Hayat Lberrimi ġewwa l-emergenza. Dak il-ħin il-vittma kienet liebsa biss *gown* tal-isptar u flokk taħtha, iżda ma kellha xejn aktar ħwejjeġ. Tgħid li l-istorja li tathom kienet li l-ġurnata ta' qabel l-għarus tagħha għajtilha biex tmur ġol-apparatment. Hi marret u sabet tlett (3) irġiel li x'ħin rawha bdew isawtuha. Huma qalulha li qegħdin jagħmlulha hekk għaliex hi qaltilhom li kienet tqila, biex tkorri t-tarbija.

Ix-xhud tgħid li meta eżaminat lill-vittma sabet li kellha f'għajnejha tax-xellug kellha tbenġilha, kellha wkoll ħafna tbenġil fil-parti t'isfel ta' żaqqha, kellha wkoll marki li rabtulha ma idejha t-tnejn fil-polz u ma saqajha. L-istess xhud tkompli tgħid li l-vittma uriethom tablet għax qaltilhom li dak il-ħin ġiegħluha tibla ċertu pillola u dawn l-irġiel daħħlulha pilloli fil-parti tagħha u ġiegħluha tixrob xi likwidu. Waħda minn dawn il-pilloli kienet magħha u x-xhud għaddietha lill-iSpettur Nikolai Sant. Qaltilhom ukoll li kienet tqila u kienet marret vista għand *gynecologist*. Evidenza ta' tqala ma tathomx, għax qalet li dawn l-irġiel ħadulha l-karti.

Ix-xhud tkompli tiddikjara li minħabba f'hekk ħadulha kampjun tal-urina u dan wera li kien *positive* ossija li kienet tqila. Dak il-ħin bil-permess tal-vittma, ġie eżaminata minn ġewwa u skont ix-xhud ma sabu xejn fuq ġewwa ħlief li kien hemm id-demm ħiereġ mill-għonq tal-utru, kien hemm xi ħaġa oħra li kienu jidhru mill-esperjenza tagħhom li kienu biċċiet tal-*pregnancy*, u dawn tneħħew mit-tobba u ntbagħtu l-laboratorju u rriżultaw li kienu prodotti tat-tqala. Ix-xhud tgħid li t-tqala kienet għadha fil-bidu imma r-riżultat jgħid *products of conception*, jiġifieri kien hemm tqala li qed tifforma u kienu jidhru li ħerġin mill-parti tagħha.

L-istess xhud ikkonfermat ir-relazzjoni tagħha li kienet ħejjiet u li tinsab a folio 159 sa 165 tal-proċess. Finalment tgħid li it-tqala falliet, jiġifieri ma komplietx. Pero ma setgħux jgħidu jekk dan kienx kaz ta' abort jew inkella korriment.

**<u>L-iSpeċjalista Mr. Albert Scerri</u>** (Fol. 327 *et seq*) speċjalista tal-maternita u l-ginekoloġija xehed fis-seduta tas-sitta (6) ta' Frar tas-sena elfejn u tmintax (2018). Huwa stqarr li fit-tnejn (2) ta' April tas-sena elfejn u sbatax (2017) kien il-konsulent tal-għassa ċioe' jkun disponibbli f'każ ta' emergenza. Kien ingħata *hand over* l-għada filgħodu u din il-pazjenta ġiet *admitted* taħtu. Jgħid li lill-pazjenta raha fil-*ward* u kkonferma li kellha xi *bruises* f'wiċċha jew f'għajnejha u li żgur kellha xi *bruises* fuq żaqqha.

**<u>It-Tabiba Dr Sarah Ellul</u>** (Fol. 332 *et seq*) li kienet waħda mit-tobba *on call* li taħdem fil-kuruġija xehdet fis-seduta tas-sitta (6) ta' Frar tas-sena elfejn u tmintax (2018). Hija stqarret li kienet rat lill-pazjenta l-emergenza u dan peress li l-pazjenta għamlet xi mumenti mitlufa minn sensiha. Tgħid li

lill-vittma kienet ratha l-emergenza u hemm hekk qaltilhom l-istorja tagħha u x'kien ġralha l-ġurnata ta' qabel. Kienet tidher li kellha xi tbenġil f'għajnejha u kellha l-grif f'idejha u f'saqajha fejn kien hemm il-marki fejn qalet li kienet ġiet marbuta. Kellha wkoll xi tbenġil f'żaqqha, pero' apparti tbenġil ma kienx hemm iktar minn hekk. Tistqarr li lill-vittma kienu rawha l-kollegi tagħha tal-ġinekoloġija u kienu sarulha t-testijiet li kien hemm bżonn fosthom CT Scan u żammewha taħt osservazzjoni taħt il-konsulenta Josephine Psaila għal erbgħa u għoxrin (24) siegħa.

**<u>It-Tabib Dr Miljan Milic</u>** (Fol. 334 *et seq*) li jaħdem fil-qasam tal-*histopathology* xehed fis-seduta tas-sitta (6) ta' Frar tas-sena elfejn u tmintax (2018). Huwa spjega li mit-testijiet li għamel, *histologically* ma kien hemm xejn li jikkonferma t-tqala. Huwa ġie muri r-rapport tiegħu a folio 165, fejn ikkonferma l-kontenut tiegħu.

**<u>Narcis Ben Naser</u>** (Fol. 348 *et seq*) u ċioe' bint il-vittma, xehdet fis-seduta tal-ħmistax (15) ta' Marzu tas-sena elfejn u tmintax (2018) fejn ikkonfermat li ommha jisimha Hayat filwaqt li l-għarus ta' ommha jismu Ashref. Ommha kienet dejjem tmur id-dar tiegħu, peress li tinsab ħdejn id-dar tagħhom. Tgħid li l-inċident seħħ fis-sena elfejn u sbatax (2017) u għalkemm ma tiftakarx ix-xahar, tiftakar li kien filgħaxija, bejn wieħed u ieħor, bejn id-disgħa ta' filgħaxija (9.00pm) u nofs il-lejl (12.00am). Tistqarr li l-għarus tagħha li llum –il ġurnata huwa żewġha, u li jismu Mohammed kien ħabib ta' Ashref. Kien għalhekk li hija talbitu jċempel lil Ashref biex tara fejn kienet ommha, peress li ma kienet kellmitha xejn minn filgħodu. Tgħid li flimkien ma' Mohammed marru d-dar ta' Ashref, pero' ma rrisponda ħadd u spiċċaw kellhom ikissru l-bieb, fejn sabu

mużika għolja ħafna u d-dar maqluba, u mill-kamra tal-banju semgħu bħal tnegħid. Eventwalment irriżulta li kienet ommha li kellha xi ħaġa f'ħalqha u għalhekk ma setgeħtx tgħajjat sew.

Ix-xhud meta murija ir-ritratti a folio 59, u ċioe' Dokumenti 'LC1', 'LC2', 'LC3' u 'LC4', tgħid li l-ewwel tlieta juru l-istat li sabet lil ommha fih, u fl-ewwel wieħed jidhru l-*cable ties* li kienet marbuta bihom. Ix-xhud tgħid li r-ritratti ħadithom eżatt kif sabet l-affarjiet, ċioe' d-dar maqluba, l-kamra ta' ommha u kien hemm xi pilloli fl-art. Tgħid li ommha kienet mitlufa minn sensiha. Fir-raba' ritratt jidhru l-ħbieb ta' Ashref, pero' ma rat lil ħadd minnhom fid-dar. Tgħid li lill-imputat Nizar Gweleg tafu u jidher l-ewwel wieħed fir-ritratt a folio 63. Tikkonferma li l-post huwa tal-ħabib ta' ommha. Barra minn hekk tistqarr li ommha kienet tqila minn Ashref filwaqt li Nizar kien il-ħabib ta' Ashref.

**Mohamed Ali Lahderi** (Fol. 353 *et seq*) xehed fis-seduta tal-ħmistax (15) ta' Marzu tas-sena elfejn u tmintax (2018). Huwa beda biex qal li fid-data tal-iniċident kien joħroġ ma' Narcis Ben Naser. Jgħid li dakinhar kien mar għand it-tfajla tiegħu. Din qaltlu li ommha kienet id-dar iżda għalkemm kienet qed iċċemplilha ommha ma kinitex qed tirrispondi. Kien għalhekk li marru fuq il-post u hemm sgassaw il-bieb u daħlu. Huma sabu d-dar imħarbta. X'ħin daru l-flat sabu lil ommħa fit-toilet. Din ma kinitx liebsa ħwejjeg u kellha t-*tape* u idejha marbutin. Jgħid li kienet tidher imweġġħa, pero' ma kinitx titkellem.

**L-iSpiżjar Godwin Sammut,** (Fol. 367 *et seq*) xehed fis-seduta tat-tmienja (8) ta' Mejju tas-sena elfejn u tmintax (2018). Huwa ikkonferma li kien

maħtur mill-Qorti biex jagħmel analiżi fuq pillola ta' lewn bajda bil-*logo* SEARLE 1461, fejn instabet s-sustanza *misoprostol* li hija l-*active ingredient* ta' din il-pillola li hija *prescription only medicine*. Qal li din it-tip ta' pillola tintuża għal *acidrelated disorders* fl-istonku. Zied wkoll li din il-pillola tista' wkoll tikkawża abort, *birth defects*, *pre-mature birth* u *uterine rapture*.

**WPC Jesline Urry Sant,** (Fol. 377 *et seq*) xehdet fis-seduta tat-tmienja (8) ta' Mejju tas-sena elfejn u tmintax (2018). Hija stqarret li l-involviment tagħha f'dan il-każ kien li hija kienet *fixed point* mal-vittma l-isptar. Tgħid li meta l-vittma marret tagħmel rapport rat li kellha l-marki f'idejha minn fejn rabtuha, kellha xi ponot qishom daqqiet fuq idejha fuq in-naħa tal-lemin u tbenġil f'żaqqha, filwaqt li f'wiċċha kellha *black eye* fuq in-naħa tax-xellug. Tistqarr li l-vittma kienet kellmitha wkoll. Tgħid li l-vittma kienet qaltilha li l-*partner* li kellha tarbija miegħu ma riedx li jkollu x'jaqsam magħha u ppruvaw ineħħulha t-tarbija.

**Il-*Consultant Surgeon* Dottor Josephine Psaila** (Fol. 392 *et seq*) xehdet fis-seduta tal-wieħed u għoxrin (21) ta' Ġunju tas-sena elfejn u tmintax (2018). Spjegat li kienet eżaminat lil ċertu Hayat Lberrimi. Fit-tnejn (2) ta' April tas-sena elfejn u sbatax (2017) hija kienet *on call* mid-dar u allura hija kienet rat lill-vittma l-għada u dan għall-fatt li ma kien hemm xejn allarmanti biex it-tim tagħha jċemplilha. Tgħid li kienu nfurmati li kien hemm mara li s-suspett kien li kienet tqila u li din kienet ġiet marbuta u msawta. Tistqarr li meta ratha, il-vittma kienet f'sensiha u ċioe' *Glasgow Coma Scale 15* jiġifieri *fully conscious* u alerta u tirrispondi u titkellem sew. Kellha tbenġil fuq għajnejha x-xellugija u kellha xi traċċi ta' demm fl-abjad tal-għajn ukoll. Kellha tbenġil fuq żaqqha speċjalment isfel taż-żaqq, u

kienet muġugħa wkoll. Kien hemm tbenġil fuq idejha u f'saqajha u kien hemm marki li kienet marbuta ma' xi ħaġa, mhux tbenġil bid-daqqiet biss imma jgħidulhom *linear marks* li per eżempju torbot xi ħaġa ma jdejk u saqajk. Kellha wkoll qsim żgħir ħafna speċjalment fuq in-naħa tax-xellug ta' jdejha u saqajha, li ġeneralment isiru b'xi ħaġa taqta'. Tkompli tgħid li kellha traċċi ta' demm ħiereġ mill-*vagina* wkoll, u fil-fatt ix-xhud irriferietha għand il-*gynaecologist* u baqgħet taħt idejha. Min-naħa tax-xhud ratha peress li kienet qalet li intiflet minn sensiha. Tistqarr li t-*team* li kien hemm *on call* fit-tnejn (2) ta' April tas-sena elfejn u sbatax (2017) kien għamel *CT Scan* peress li l-vittma ntilfet minn sensiha, u kellha tbengil madwar għajnejha u fl-abjad tal-għajn. Is-*CT Scan* kien deher normali. Wara erbgħa u għoxrin (24) siegħa baqgħet stabbli u ġiet rilaxxata f'idejn il-*gynaecologist*.

Ix-xhud tgħid li l-vittma kienet qaltilha li l-*boyfriend* tagħha u xi ħbieb minn tiegħu, rabtuha, sawtuha, qabżu fuq żaqqha, tawha daqqiet fuq żaqqha, ġiegħluha tibla xi mediċini u poggewlha xi pilloli fil-*vagina* tagħha wkoll għax qalet li kienet tqila u ppruvaw ikorruha. Tikkonferma li mill-verżjoni li tatha l-vittma u mill-eżamijiet li hija wettqet kien hemm sinjali ta' rbit u tbenġil ta' swat.

**<u>Joseph Mallia</u>** (Fol. 403 *et seq*) xehed fis-seduta tas-sitta u għoxrin (26) ta' Lulju tas-sena elfejn u tmintax (2018) fejn fuq inkarigu ta' din il-Qorti ħa impronti digitali tal-imputat Nizar Gweleg. Il-formala tal-impronti digitali ġiet mmarkata bħala Dokument 'NG1' u dik tal-marki tal-pali tal-idejn bħala Dokument 'NG2'. Ġie wkoll awtorizzat jirtira ż-żewġ formoli u l-*lifters* li kien ġew esebiti mill-Pulizija

L-istess xhud Joseph Mallia (Fol. 443 *et seq*) reġa' xehed fis-seduta tas-sitta u għoxrin (26) ta' Lulju tas-sena elfejn u tmintax (2018). Huwa spjega li kien għamel l-eżami komparattiv rikjest mill-Qorti. Huwa wasal għall-konklużjoni li waħda mill-impronti li skont il-pulizija ġiet żviluppata fuq *roll tape* kannella ġiet ikkomparata posittivament u għalhekk kienet identika mas-subgħa l-kbir tal-id ix-xellugija tal-istess Nizar Gweleg. Ix-xhud esebixxa rapport li ġie mmarkat bħala Dokument 'JMX1'.

**It-Tabib Dottor Francis Borg** (Fol. 473 *et seq*) xehed fis-seduta tat-tmintax (18) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tmintax (2018) fejn ġie muri dokument a folio 330 u 331 tal-proċess u spjega li dan huwa l-*case summary* tal-vittma Hayat Lberrimi li kien għamel huwa setss meta kien *House Officer* ma' Mr. Albert Scerri. Jgħid li dan għamlu minn fuq in-noti uffiċċjali tal-isptar. Huwa kkonferma l-kontenut tar-rapport.

**Emel Abboushi** (Fol. 487 *et seq*) xehdet fis-seduta tas-sebgħa (7) ta' Frar tas-sena elfejn u dsatax (2019). Hija stqarret li kellha ħames (5) *recordings* li għamlet traduzzjoni tagħhom mil-lingwa Għarbija għal dik Ingliża, li fihom bażikament kien hemm xi raġel li kien qed jitkellem fuq xi ħadd Ashref. Dawn ġew esebiti bħala Dokument 'EA1'.

Imbagħad fis-seduta tal-ħamsa u għoxrin (25) ta' Ġunju tas-sena elfejn u dsatax (2019) (Fol. 527 *et seq*) l-istess xhud ippreżentat traduzzjoni tal-ħames (5) *recordings* mill-lingwa Ingliża għal dik Maltija.

**L-Avukat Dottor Marisa Mifsud**, (Fol. 589 *et seq*) waqt is-seduta tas-sittax (16) ta' Jannar tas-sena elfejn u għoxrin (2020) ippreżentat traduzzjoni mil-lingwa Ingliza għal-lingwa Maltija tad-dokumenti esebiti minn folio 70 sa 72, minn folio 159 sa 165, minn folio 168 sa 189 u minn folio 330 sa 331.

**Dottor Martin Bajada**, (Fol. 653 *et seq*) xehed fis-seduta tat-tlieta (3) ta' Lulju tas-sena elfejn u għoxrin (2020). Huwa stqarr li ma kienx possibbli għalih li jespleta l-inkarigu lilu mogħti rigward *voice comparison* peress li l-persuna fir-*recording* qed titkellem lingwa li huwa ma jagħrafx.

**Eunice Grech Fiorini** (Fol. 699 et seq) xehdet fis-seduta tat-tlieta u għoxrin (23) ta' Settembru 2020 dwar kuntatti li hija għamlet ma' esperti barranin biex joffru servizzi ta' voice recognition. Dan in vista ta' talba magħmula f'dan is-sens mill-prosekuzzjoni. Hija reġgħet xehdet fis-seduta tat-tmienja u għoxrin (28) ta' Jannar tas-sena elfejn u wieħed u għoxrin (2021) (Fol. 724 et seq) fejn ikkonfermat li mis-sentenza mogħtija fit-tmienja u għoxrin (28) ta' Frar tas-sena elfejn u sbatax (2017) fil-konfront tal-imputat Nizar Gweleg ma kien hemm sar l-ebda appell.

**FATTI TAL-KAZ**

In succint il-fatti tal-każ hekk kif ħarġu mill-provi prodotti huma s-segwenti: Hayat Lberrimi kienet qegħda f'relazzjoni ma' certu wieħed Ashref u fil-fatt kienu qegħdin jistennew tarbija flimkien. Ashref deher li ma riedx lil dan il-wild iżda imbagħad accettah. Dakinhar tal-ewwel (1) ta' April 2017, Ashref u Llberrimi ħarġu flimkien u imbagħad Ashref stedinha biex immorru lura d-dar peress li kellu sorpriża għaliha.

It-tnejn irritornaw l-appartament fejn kienu joqogħdu u kellhom x'jaqsmu ma' xulxin sesswalment. Waqt li kienu fil-kamra tas-sodda tagħhom, daħlu fuqhom żewġt rġiel mgħammda. Dawn rabtu lil Lberrimi mas-sodda u ippruvaw jagħtuha pilloli biex jikkaġunalha abort. Anke Ashref stess ippartecipa fl-aggressjoni fuq Llberrimi u beda anke jagħtiha fuq żaqqha. Tul din l-aggressjoni intużaw wkoll xi skieken. Lberrimi tħalliet għal nofsha mejta fil-kamra tal-banju ensuite li kienet tinsab fl-istess kamra tas-sodda sakemm instabet minn bintha u ħabib tagħha. Il-każ ma ġiex riferut lill-Pulizija mill-ewwel u kien biss l-għada filgħodu li sar ir-rapport relattiv għall-każ u Lberrimi daħlet l-isptar għall-kura minħabba l-ġrieħi li hija kienet ġarbet.

**Ikkunsidrat:**

- **<u>Punti ta' Natura Proceduralі Mqajjma mid-Difiża</u>**

Qabel mal-Qorti tidħol fil-mertu propju tal-każ huwa essenzjali li qabel xejn jiġu indirizzati l-punti ta' natura procedurali li ġew mqajjma mid-difiża fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha.

**A. <u>Il-Fatt li l-Access fuq il-Post ma Inżammx mill-Maġistrat Inkwirenti</u>**

Huwa minnu li l-access fuq il-post fil-każ in diżamina ma sarx mill-Maġistrati Inkwirenti iżda l-istess Maġistrat Inkwirenti iddelegat lill-Ispettur tal-Pulizija biex jżomm tali access. Strettament fit-termini tal-

artikolu 547(1) tal-Kap. 9 dan ma kienx konsentit li jsir stante li l-access irid isir bil-fors mill-Maġistrat Inkwirenti. Il-każ odjern ma kienx jaqa' taħt xi waħda mill-eccezzjonijiet kontemplati fl-artikolu 546(3) tal-Kodici Kriminali.

Madanakollu din il-Qorti hija tal-fehma li tali rregolarita m'għandha l-ebda effett fuq il-validita tal-atti tal-*in genere* per se kif tipprova targumenta d-difiża. Li kieku għall-grazzja tal-argument l-Ispettur nominat fil-kors tal-access miżmum ġabar huwa stess xi evidenza jew inkella ħa xi ritratti jew inkella b'xi mod għamel xi investigazzjoni diretta huwa personali waqt l-istess access, wieħed forsi seta' jargumenta li tali riżultanzi għandhom jiġu skartati peress li n-nomina tiegħu biex iżomm l-access kienet waħda monka. **Pero fir-realta l-evidenza kollha li ġiet miġbura minn ġewwa l-appartament fejn seħħ il-każ, ġiet miġbura minn esperti li kienu ġew awtorizzati għal tal fini mill-Maġistrat Inkwirenti**.

Minn qari tal-artikolu 548(1) tal-Kap. 9, huwa car li fl-access fuq il-post jistgħu jkunu involuti l-periti kollha li jinħtieġu u di piu l-Maġistrat Inkwirenti għall-fini ta' speditezza jista' jagħti *"s-setgħa lill-periti li jirċievu dokumenti u jisimgħu x-xhieda bil-ġurament u li jieħdu x-xiehda tagħhom bil-miktub."* L-unika limitazzjoni imposta mil-liġi fl-istess artikolu 548(1) hija li l-*" in genere" għandu jiġi eżaminat biss mill-persuni tal-professjoni kompetenti, kull meta hekk tkun titlob l-imġieba xierqa."* F'dan ir-rigward ma kien hemm xejn irregolari. L-esperti indikati mid-difiża a fol. 778 tan-nota ta' sottomissjonijiet tagħha kienu kollha persuni li ġew nominati mill-Maġistrat Inkwirenti u mogħtija inkarigi specifici mill-istess Maġistrat

Inkwirenti. Kellhom termini ta' riferenza preċiżi dwar dak li kellhom jagħmlu fil-kors tal-investigazzjoni li kienet qegħda issir. Ma tressqet l-ebda prova mid-difiża li turi li l-persuni nominati ma kinux persuni tal-professjoni kompetenti jew li inkella l-inkarigu tagħhom ma sarx kif suppost. Għalhekk ix-xhieda miġbura minn dawn l-esperti kif wkoll ir-relazzjonijiet rispettivi tagħhom huma validi u għandhom valur probatorju. Assolutament m'għandhomx jiġu skartati sempliċiment fuq il-punt għaliex l-access ma sarx mill-Maġistrat Inkwirenti.

Mil-lat prattiku wkoll għandu jingħad li r-rwol tal-esperti nominati ma setax jiġi svolt u kompletat fl-interita tiegħu fil-mori tal-access u kien jirrikjedi numru ta' sigħat ta' xogħol. Infatti x-xogħol kien jinvolvi ġbir ta' ammont ta' xhieda u anke analizi xjentifika f'laboratorji u f'dan il-kaz wkoll fuq il-persuna tal-vittma fl-Isptar Mater Dei. Aktar u aktar għalhekk ma jagħmilx sens li tali rapporti jiġu skartati fuq il-fatt li l-access ma sarx mill-Maġistrat Inkwirenti. Din l-ewwel eċċezzjoni għalhekk sejra tiġi skarata minn din il-Qorti.

**B. <u>L-Inammissibilita tar-relazzjoni ta' PS 1362 Jonas Schembri.</u>**

Id-difiża tissolleva wkoll l-eċċezzjoni li r-relazzjoni ta' PS 1362 Jonas Schembri għandha tiġi skartata stante li l-istess Jonas Schembri ma kienx ġie nominat bħala espert fl-inkjesta maġisterjali. Rigward dan il-punt id-difiża għandha raġun. Għalkemm PS 1362 Jonas Schembri jgħid li huwa ġie nominat mill-Maġistrat Inkwirenti biex jagħmel ix-xogħol tal-analiżi ulterjuri tal-marki tas-swaba' li ġew elevati fl-appartament fejn ġiet aggredita Lberrimi u l-istess esperti PS 826 Matthew Parnis u PC 1331

Darren Debattista anke jirreferu għal PS 1362 bħala espert tal-Maġistrati Inkwirenti, mill-atti tal-proces verbal minn imkien ma jirriżulta xi digriet tan-nomina ta' dan l-espert. Infatti għajr għar-riferenza li hemm minn Matthew Parnis u PC 1331 Darren Debattista , l-atti tal-proces verbal huma għal kollox sajma mill-inkarigu li allegatament ġie mogħti PS 1362. Tant hu hekk wkoll li r-rapport ta' PS 1362 ġie preżentat waqt is-smiegħ ta' dawn il-proceduri quddiem din il-Qorti. Dan kuntrarjament għar-rapporti l-oħra tal-esperti li ġew nominati mill-Maġistrat Inkwirenti li kollha rrelataw u ippreżentaw ir-rapport quddiem il-Maġistrat Inkwirenti. Għalhekk l-rwol ta' PS 1362 jista' jitqies biss bħala espert *ex parte* u mhux bħala "perit magħzul mill-Qorti". F'dan ir-rigward din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali deċiża fl-erbgħa u għoxrin (24) ta' Settembru 2009 fil-kawża fl-ismijiet **Il-Pulizijvs Renard Cassar** fejn intqal li:

> *"Minn dawn il-provi fuq riassunti jemergi li l-kaz tal-prosekuzzjoni jistrieh kollu kemm hu fuq ir-rizultat tal-analizi li ghamel David Gauci bhala analista tal-kumpanija privata Saybolt Malta Limited. Din l-analizi tekniko-xjentifika saret fuq talba tal-Enemalta Corporation wara preljev ta' samples tad-diesel li kien qed jimbiegh mill-pompa gestita mill-appellat. Issa l-istess regolamenti komprizi fl-Avviz Legali 222 tas-sena 2001 jistipulaw li ghall-proceduri mehuda ghall-ksur tal-istess regolamenti ghandhom japplikaw ir-regoli tal-Kodici Kriminali ghall-proceduri kriminali [Reg. 10 (1) (2) ]. Issa hija prattika sancita mill-ligi li xhieda ordinarji w cioe' mhux persuni li jigu mahtura bhala*

*esperti mill-Qorti, ma jistghux jaghtu jew jesprimu opinjoni imma jistghu jiddeponu biss fuq dak li huma jikkonstataw bis-sensi taghhom. Meta tkun mehtiega xi hila jew sengha specjali biex jigi ezaminat xi oggett, ghandha tigi ordnata perizja, (art. 650 (1) tal-Kap.9). Il-periti skond il-Kodici Kriminali ma jistghux ikunu esperti ex parte imma jridu jkunu gew maghzulin millQorti (art. 650 (1) tal-Kap.9) jew mill-Magistrat Inkwirenti li jkun qed jikkonduci l-in genere (art.548 u 549 tal-Kap.9).*

*Issa f' dan il-kaz indubbjament ir-rapport tar-rizultat tal-analizi li saret minn David Gauci u li jinsab a fol. 11 tal-process seta' biss jigi kompilat b' hila u sengha specjali tal-istess analista w mhux rizultat ta' kostatazzjoni ta' fatt bis-sensi ordinarji tieghu. Fi kliem iehor jinkorpora opinjoni li, bhala xhud ordinarju, hu kien prekluz milli jaghti kemm quddiem din il-Qorti kif ukoll quddiem l-Ewwel Qorti.*

*Konsegwentement, ladarba l-imsemmi rapport ma sarx minn perit maghzul mill-Qorti, dan jirrendi l-istess rapport bhala wiehed inammissibbli bhala prova. Li suppost sar f' dan il-kaz kien li, appena l-Enemalta rrizultalha li fis-samples mehuda minghand l-appellat kien hemm diesel kontaminat, il-Malta Resources Authority jmissha talbet lill-Pulizija li titlob li tinfetah inkjesta magisterjali biex, permezz ta' periti nominati mill-Magistrat Inkwirenti – kif kien isir fil-kaz ta' tbaghbis mal-meters tad-dawl u tal-elettriku – jigi konstatat*

*x' kien is-sulphur content tad-diesel prelevat. Dan jista' jsir billi minnflok zewg kampjuni jigu prelevati tlieta, wiehed ghall-analisi preliminari privata tal-Enemalta Corporation, wiehed ghall-persuna li minn ghandu jkun ittiehed il-kampjun u wiehed, okkorrendo, ghall-analisi eventwali minn perit nominat mill-Qorti ghal dan il-ghan. Seta' wkoll koncepibbilment, fuq talba tal-prosekuzzjoni, gie nominat perit mill-Ewwel Qorti f' dan il-kaz biex, indipendentement mill-analizi li saret minn David Gauci, janalizza l-istess kampjun jekk dan kien ghadu jezisti fil-mori ta' din il-kawza quddiem l-Ewwel Qorti. Dan ma sarx. Ghalhekk, fl-istat tal-provi li ghandha quddiemha, din il-Qorti ma tistax issib htija fuq opinjoni tekniko-xjentifika ta' espert li ma giex nominat bhala perit mill-Qorti".*

Dan ir-raġunament japplika pienament għal dan il-każ. In vista li PS 1362 ma kienx ġie nominat mill-Maġistrat Inkwirenti u lanqas minn din il-Qorti, ir-rapport minnu redatt ma jistax jiġi meħud in kunsiderazzjoni minn din il-Qorti għaliex huwa inammissibbli. PS 1362 ma xehedx fuq dak li ikkonstata bis-sensi tiegħu iżda l-konklużjonijiet tiegħu ġibidhom wara eżami tekniku magħmul minnu anke bl-użu ta' kimika u process apposta. Għalhekk din il-Qorti hija kostrett li tiskarta kompletament ir-rapport ta' PS 1362. Din il-Qorti sejra tiskarta wkoll in parti r-relazzjoni tal-espert nominat minnha Joseph Mallia in kwantu dan straħ fuq ir-relazzjoni ta' PS 1362 Jonas Schembri u tal-eżami minnu magħmula. Dan abbażi tal-massima legali *"quod nullum est, nullum producit effectum"*. Qiegħed jingħad li r-rapport ta' John Mallia sejjer jiġi skartat biss in parti

għar-raġuni li l-istess espert John Mallia għamel wkoll eżami tal-impronti diġitali li kienu ġew elevati fuq lifters. Dawn il-lifters ma kinux ġew elevati minn Schembri inniffsu iżda mill-esperti Parnis u Debattista li kienu nominati bħala esperti fl-atti tal-inkjesta maġisterjali.

## C. Allegati Problemi fic-Chain of Custody

L-Awtur Amerikan Robert Longley jiddefinixxi l-kuncett tac-*chain of custody* bħala *"a chronological paper trail documenting when, how, and by whom individual items of physical or electronic evidence—such as cell phone logs—were collected, handled, analyzed, or otherwise controlled during an investigation. Under the law, an item will not be accepted as evidence during the trial—will not be seen by the jury—unless the chain of custody is an unbroken and fully documented trail without gaps or discrepancies. In order to convict a defendant of a crime, the evidence against them must have been handled in a meticulously careful manner to prevent tampering or contamination."*[1]

Minn eżami tal-atti processwali huwa car għal din il-Qorti li l-awtenticita tal-provi miġbura fil-kuntest tal-*in genere* bl-ebda mod ma ġiet kompromessa. Mill-atti processwali jirriżulta eżattament għand min kienet l-evidenza li ġiet elevata u kif għaddiet minn id persuna għall-oħra. Id-difiza targumenta li c-*chain of custody* ġiet miksura għaliex l-evidenza miġbura mill-appartament fejn ġara l-każ spiccat f'idejn PS 1184 Patrick Grech li ġie deskritt bħala *exhibit officer* u imbagħad PC 1362 Jonas Grech u dawn ħadd minnhom ma kien ġie nominat fl-atti tal-inkjesta

[1] Meħuda minn https://www.thoughtco.com/chain-of-custody-4589132

maġisterjali. Tali argument pero għandu rilevanza biss għall-fini biex jiġi stabbilit jekk ir-relazzjoni magħmula minn dawn l-individwi għandhiex tingħata valur probatorju la darba ma kinux ġew nominati mill-Maġistrat Inkwirenti. Imma b'daqshekk ma jfissirx li ġiet interrota c-*chain of custody* għaliex xorta jista' jiġi facilment verifikat għand min kienet l-evidenza miġbura u kif din ġiet processata.

In oltre d-dubji li tipprova tqajjem id-difiża rigward għand min kienu l-oġġetti elevati fil-kors tal-investigazzjoni nhar it-tnejn (2) ta' April 2017 u cioe jekk kinux għand Dr Marisa Cassar jew għand PS 1362 Jonas Schembri, lanqas huma flokhom. Dan għaliex iż-żewġ esperti ġabru oġġetti differenti. Dr Marisa Cassar ġabret biss il-kampjuni tad-DNA minn fuq l-oġġetti u mhux l-oġġetti per se. Dan jirriżulta b'mod mill-aktar car mir-rapport tagħha stess a fol. 151 tal-process. Tant hu hekk li l-kampjuni miġbura minnha ingħataw riferenza differenti mir-riferenza li kienu ingħataw dawn l-istess oġġetti. L-oġġetti propja imbagħad inġabru minn PS 1362. Għalhekk m'hemm l-ebda konfużjoni u din il-Qorti hija sodisfatta li l-oġġetti kollha li ġew elevati fil-kors tal-investigazzjoni kienu miġbura u miżmumin kif suppost u għalhekk fl-ebda ħin ma jista' jingħad li kienet interrota c-*chain of custody*. Din l-eccezzjoni għalhekk wkoll sejra tiġi skartata.

## D. Inkonsistenzi Bejn l-Artikoli tal-Liġi Indikati fir-Rinviju tal-Avukat Ġenerali u Dawk indikati mill-Ufficjal Prosekutur

Fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha, id-difiża targumenta li d-delitt ta' rikatt kontemplat fl-artikolu 250(1) tal-Kap. 9 u li ġie indikat fin-nota ta'

rinviju ta' ġudizzju mibgħuta mill-Avukat Ġenerali ma kien fl-ebda ħin indikat fic-citazzjoni oriġinali. Id-difiża targumenta li dan kien reat ġdid li qatt ma saret riferenza għalih u per konsegwenza l-Avukat Ġenerali ma setax jinkludi dan ir-reat fl-istess nota. Se mai kellha tintalab korrezzjoni tac-citazzjoni fl-istadju opportun. Għaldaqstant ma tistax tinsab ħtija taħt dan l-artikolu.

F'dan ir-rigward il-Qorti tqis li d-difiża għandha raġun. Il-fatt li r-reat ma kienx indikat fic-citazzjoni jfisser li l-imputat qatt ma ġie akkużat bih u għalhekk qatt ma saret kumpilazzjoni dwar tali reat.[2] Bl-ebda tiġbid tal-immaġinazzjoni ma jista' jingħad li dan ir-reat huwa kompriż u involut f'xi wieħed mir-reati l-oħra li ġew indikati fl-istess nota. Għal dawn ir-raġunijiet din il-Qorti mhux sejra tikkunsidra r-reat kontemplat taħt l-artikolu 250(1) indikat f'paragrafu "f" tan-nota ta' rinviju tal-Avukat Ġenerali.

## IL-MERTU TAL-KAZ

La darba ġew indirizzati l-punti procedurali kollha imqajma mid-difiża, din il-Qorti sejra issa tgħaddi sabiex tikkunsidra jekk il-Prosekuzzjoni rnexxiliex tipprova l-każ tagħha sal-grad li trid il-liġi. La darba qegħdin f'forum penali, jinkombi fuq il-Prosekuzzjoni li hija tressaq l-aħjar prova biex tikkonvinci lill-Qorti li l-imputazzjonijiet addebitati lill-imputat huma veri. Dan għaliex kif jgħid il-**Manzini** fil-ktieb tiegħu **Diritto Penale** (Vol. III, Kap. IV, pagna 234, Edizione 1890): *"Il così detto onero della*

[2] Ara f'dan is-sens sentenzi tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Francesco sive Godwin Scerri*** deċiża fit-18 ta' April 2012 u ***Il-Pulizija vs Alfred Degiorgio*** deċiża fit-12 ta' Diċembru 2018.

*prova, cioé il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit".*

Għal dikjarazzjoni ta' ħtija ta' imputat huwa necessarju li l-imputazzjoni jew imputazzjonijiet attribwiti lilu jiġu pruvati *oltre* kull dubju raġjonevoli, cioé oltre kull dubju dettat mir-raġuni. Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Philip Zammit et** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-7 ta' Settembru 1994 il-Qorti tagħmilha cara li mhux kull l-icken dubju huwa biżżejjed sabiex l-imputat jiġi liberat mill-akkużi; hemm bzonn li tali dubju jkun *"dubju jkun dak dettat mir-raguni"*. F' sentenza oħra mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-5 ta' Dicembru 1997 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Peter Ebejer**, dik il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilħaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jħalli ebda dubju dettat mir-raġuni u mhux xi grad ta' prova li ma jħalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistgħux jitqiesu bħala dubji dettati mir-raġuni. Fi kliem ieħor, dak li l-ġudikant irid jasal għalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-bon sens tiegħu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni mogħtija minn **Lord Denning** fil-kaz **Miller vs. Minister of Pension** - 1974 - 2 ALL ER 372 tal-espressjoni *"proof beyond a reasonable doubt"*: *"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable' the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice".*

**A. <u>Il-Kredibbilita tal-Vittma</u>**

Minn eżami tal-atti processwali jirriżulta li l-unika prova li hemm li possibilment tista' torbot lill-akkużat ma' dak li ġara fl-ewwel (1) ta' April 2017 hija biss d-deposizzjoni tal-vittma f'dan il-każ. Kif ġia indikat aktar 'l fuq f'din is-sentenza din il-Qorti mhux sejra tieħu in kunsiderazzjoni ta' dak li irrelata PS 1362 Jonas Schembri u l-eżami komparattiv li għamel l-espert ta' din il-Qorti Joseph Mallia bażati fuq l-eżercizzju li għamel Schembri. Dan għaliex irriżulta li Jonas Schembri ma kienx ġie nominat mill-Maġistrat Inkwirenti jew inkella minn din il-Qorti biex jesegwixxi x'inkarigu. Mill-eżamijiet forensici li saru mill-esperti l-oħra li ġew nominati mill-Maġistrat Inkwirenti ma rriżulta xejn – lanqas tracca tal-profil ġenetiku tal-imputat – li jista' jindika li l-imputat kien involut fl-aggressjoni li seħħet fuq il-parte civile. Għalhekk huwa necessarju li din il-Qorti teżamina fid-dettal ix-xhieda li ġiet mogħtija mill-vittma sabiex din il-Qorti tifformula l-ġudizzju tagħha. Il-fatt li m'hemmx provi oħra għajr id-deposizzjoni tal-vittma ma jfissirx li l-Qorti hija kostretta tillibera għaliex il-Prosekuzzjoni ma laħqitx il-grad tal-prova rikjest. Dan għaliex kif jistabilixxi l-artikolu 637(2) *"B'dan kollu, f'kull każ, ix-xiehda ta' xhud biss, jekk emmnut minn min għandu jiġġudika fuq il-fatt, hija biżżejjed biex tagħmel prova sħiħa u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ġie ippruvat minn żewġ xhieda jew aktar."*

Il-parte civile xehdet mhux anqas minn sitt (6) darbiet bejn l-inkjesta u dawn il-proceduri:

(i) Xehdet fit-tnejn (2) ta' April 2017[3] u fil-ħdax (11) ta' April 2017[4] quddiem l-espert tekniku Dr Leontine Calleja;

(ii) xehdet fl-erbatax (14) ta' Awissu 2017,[5] fis-sebgħa u għoxrin (27) ta'Awissu 2017[6] u fil-ħmistax (15) ta' Marzu 2018[7] in eżami quddiem din il-Qorti;

(iii) fl-aħħar nett xehdet fit-tletin (30) ta' Lulju 2021[8] in kontro-eżami wkoll quddiem din il-Qorti;

Minn eżami tax-xhieda mogħtija din il-Qorti għandha eżitazzjoni biex tasal biex issib ħtija fl-imputat sempliciment abbażi tax-xhieda mogħtija mill-parte civile. Din il-Qorti tqis li l-identifikazzjoni li għamlet il-parte civile tal-imputat bħala wieħed mill-persuni li kien involut fl-akkadut mhijiex kredibbli, anke għaliex tali identifikazzjoni u d-deskrizzjoni ta' kif żviluppa l-każ saret bil-pezzetti u l-bukkuni. Dan qiegħed jingħad abbażi tas-segwenti:

(a) fl-ewwel verzjoni li tat lil Dr Leontine Calleja – u dan ftit sigħat biss wara li kien seħħ il-każ fejn l-istess parte civile kienet ġiet aggredita – il-parte civile kienet cara li ż-żewġt irġiel l-oħra li kienu preżenti flimkien ma' Ashref hija ma kinitx għarfithom. Infatti hija xehdet

[3] Fol. 40 et seq tal-process
[4] Fol. 51 et seq tal-process
[5] Fol. 231 et seq tal-process
[6] Fol. 296 et seq tal-process
[7] Fol. 356 et seq tal-process
[8] Fol. 743 et seq tal-process

hekk: *"Dawn it-tnejn kellhom wicchom mgħotti u kellhom skieken f'idejhom. Jiena ma stajtx nagħraf jekk dawn it-tnejn kinux it-tnejn li jgħixu hemm."*[9] Sussegwentement fil-ġranet ta' wara imbagħad l-istess parte civile marret għand il-ġurnali u tat verżjoni differenti lilhom fejn anke iddikjarat magħhom li kienet għarrfet lill-istess aggressuri l-oħra, liema aggressuri fl-ewwel xhieda li hija tat kienet qalet li ma setgħetx tagħraf min kienu. Tant hu hekk li l-istess espert tekniku fit-tieni stqarrija li hija ħadet ta' Lberrimi saqsietha mill-ewwel b'mod specifiku: *"**<u>Għaliex tajt informazzjoni differenti fil-ġurnal milli tajt lili ?</u>**"*[10] *(Enfażi ta' din il-Qorti).* Fit-tweġiba għal din il-mistoqsija il-parte civile wieġbet hekk:

> *"Jiena ġejt mitluba nerġa' nagħti stqarrija oħra minħabba rapport li sar u ngħid illi wara li ħriġt mill-Isptar erġajt mort l-għassa ta' San Ġiljan biex ninfurmahom dwar affarijiet li ftakart u sirt naf. Kellimt lil pulizija u għedtilhom b'ħafna affarijiet."*[11]

L-informazzjoni li imbagħad tat il-parte civile ġimgħa wara l-akkadut ma kinux xi dettalji żgħar li hija setgħet ftakret imma kienu dettalji ta' certa portata: hija prattikament identifikat il-persuni li kienu aggredewha. Wieħed kien jistenna li informazzjoni bażika bħal din – wara li l-istess parte civile għaddiet minn esperjenza assolutament mhix sabiħa – hija tipprovdiha mill-ewwel u mhux mill-ewwel tgħid li m'għarfitx lill-aggressuri tagħha għajr lil dak li kien għarus tagħha.

---

[9] Fol. 41 tal-process.
[10] Fol. 51 tal-process.
[11] Ibid.

Dan il-fatt iqajjem l-ewwel dubju fuq kemm tista' tkun kredibbli l-identifikazzjoni tal-imputat odjern li saret da parti tal-vittma.

(b) Meta imbagħad kienet qed tixhed quddiem din il-Qorti fis-seduta tal-erbatax (14) ta' Awissu 2017 il-vittma iżżid dettalji oħra fl-istorja. Tgħid li waqt l-aggressjoni, il-persuna li hija identifikat bħala l-imputat tqattgħulha l-ingwanti waqt li kien qed idaħħal idejh fil-parti tagħha u hija setgħet tara tpinġija bl-ittra "M". Hija tagħti żewġ raġunijiet għalfejn din l-informazzjoni kienet ħbietha: (a) tgħid li l-imputat kien qed icemplilha u jgħidilha li kien jaf hi x'kienet qed tgħid fuqu; (b) l-imputat seta' jneħħi t-tpinġija minn idejh. Iż-żewġ raġunijiet assolutament ma jagħmlux sens għal din il-Qorti. Il-parte civile kienet ġia idenfikat lill-imputat fil-kors tat-tieni deposizzjoni li hija tat lill-espert tekniku u allura ma kellha ssib l-ebda problema biex tagħti dan id-dettal. Apparti minn hekk l-Ispettur Nikolai Sant fl-ebda ħin ma jgħid li hija kienet tatu din l-informazzjoni aktar qabel fil-kors tal-investigazzjoni. Jekk kienet konxja ta' dan id-dettal qabel kien l-obbligu tal-parte civile li hija tgħaddi din l-informazzjoni lill-Pulizija mingħajr dewmien, aktar u aktar meta l-aggressuri kienu b'wicchom mgħotti u kien necessarju li jkun hemm indizji sufficjenti biex dawn jiġu identifikati b'mod specifiku. Dan biex il-ġustizzja tkun tista' tieħu l-kors tagħha u l-persuni wara dan il-każ jkunu jistgħu jieħdu dak li ħaqqhom. Apparti minn hekk jirriżulta li ferm qabel ma seħħ l-incident, l-parte civile kienet konxja li l-imputat kellu l-ittra "M" *tattoed* fuq idu. Allura dan il-fatt waħdu wkoll kellu jagħmilha aktar facli għall-parte civile li la darba allegatament l-imputat tqattgħetlu l-ingwanta

u hija rat din l-ittra *tattoed* fuq idu, hija tagħmel il-konnessjoni mill-ewwel u tidentifika lill-imputat mill-ewwel. Assolutament ma kienx jagħmel sens li tindika dan il-fatt bħala raġuni għall-identifikazzjoni tal-imputat meta kienu għaddew aktar minn erba' (4) xhur mill-akkadut u fil-kuntest meta hija iddeponiet dwar il-każ għat-tielet darba. Wieħed irid jiftakar li fis-seduta tal-erbatax (14) ta' Awissu l-parte civile ma kinitx qed tixhed bil-ġurament għall-ewwel darba iżda ġia kienet xehdet f'żewġ okkażżjonijiet differenti quddiem l-espert tekniku fl-inkjesta. Dan apparti l-informazzjoni li hija tat lill-Pulizija a tempo vergine waqt li kienet l-Isptar.

(c) F'din l-istess deposizzjoni tal-erbatax (14) ta' Awissu 2017 il-parte civile tgħid wkoll li parti mill-ingwanta tqattgħet fil-parti intima tagħha.[12] Dan il-punt li lanqas issemma' fid-deposizzjonijiet precedenti. Mill-eżami forensiku li sar mill-esperti nominati mill-Maġistrat Inkwirenti lanqas ġie rilevat li seta' kien hemm xi tracci ta' bicciet ta' ingwanta fil-parti privata tal-*parte civile* jew xi evidenza oħra li tindika li dan seħħ.

(d) Fis-seduta tas-sebgħa u għoxrin (27) ta' Novembru 2017, il-parte civile iddikjarat li hija kienet qed taħfer lill-imputat għall-akkadut. Infatti kien wkoll abbazi ta' din id-dikjarazzjoni li l-imputat odjern kien ingħata l-liberta proviżorja mill-Qorti tal-Appell Kriminali. Fis-seduta tat-tletin (30) ta' Lulju 2021 il-parte civile imbagħad reġa'

[12] Fol. 235 tal-process.

kellha ripensament u qalet li ma tridx taħfer lill-imputat għaliex skont hi ipprova jixtriha.[13]

(e) Meta imbagħad kien qiegħed isirilha l-kontro-eżami, il-parte civile bdiet tgħid li m'għadhiex tiftakar id-dettalji dwar il-każ. Infatti fuq mistoqsija tad-difiża, ix-xhud lanqas għarfet twieġeb kemm kienu n-numru tal-irġiel li kienu daħlu fuqha waqt li hija kienet ma' Ashref. Infatti din il-Qorti kienet irrimarkat hekk waqt dik id-deposizzjoni: *"Jiena għalija, incident bħal dan li huwa serju ħafna, suppost niftakru."*[14]

Din il-Qorti tagħmel wkoll kunsiderazzjonijiet oħra li fil-fehma tagħha wkoll jkomplu jdgħajfu l-każ tal-Prosekuzzjoni:

(i) Minkejja li l-imputat qiegħed jiġi akkużat li kkaġuna feriti ta' natura gravi bil-konsegwenza li ikkaġuna abort fuq il-persuna tal-parte civile u li permezz ta' medicini ikkaġuna abort tat-tarbija li kienet qed iġorr il-parte civile, l-esperti nominati mill-Qorti kif wkoll it-tobba li raw lill-parte civile fis-sigħat ta' wara l-incident, ħadd minnhom ma kien kapaci jistabilixxi jekk it-tarbija intilfitx minħabba korriment naturali jew inkella kienx fil-verita ġie ikkawżat abort kaġun tal-aggressjoni u tal-pillola li l-parte civile allegatament ingħatat. Ix-xhud Dr Miljan Milic saħansitra jistqarr *"there was nothing to*

[13] Fol. 748 tal-process.
[14] Fol. 744 tal-process.

*histologically confirm the pregnancy."*[15] Għalhekk din il-Qorti lanqas biss għandha c-certezza jekk fl-ewwel lok kienx hemm it-tqala u fit-tieni lok jekk kien hemm it-tqala, din it-tqala ġietx interrota riżultat diretta tal-aggressjoni jew tal-pillola li allegatament ġiet somministrata jew inkella kienx seħħ korrimenti purament b'mod naturali;

(ii) Ir-reat kontemplat fl-artikolu 244 u li ġie indikat f'paragrafu (c) tan-nota tal-Avukat Ġenerali lanqas ma jista' jingħad li jirriżulta. Dan l-artikolu jitkellem fuq minn *"dolożament, jagħti jew iġiegħel lil ħaddieħor jieħu sustanzi velenużi jew li jagħmlu ħsara; li jistgħu jkunu ta' deni jew ta' ħsara għas-saħħa"* Is-sustanza jew aħjar il-pillola li instabet fis-sit tal-akkadut kienet fil-verita medcina u mhux sustanza velenuża jew li tagħmel il-ħsara per se. Infatti l-Ispizjar Godwin Sammut jgħid li din hija *"prescription only medecine."* Jistqarr wkoll li f'nisa tqal, tali medicina tista' tikkawża l-abort jew inkella kumplikazzjonijiet fit-tqala.[16] B'daqshekk pero din il-Qorti ma tarax li tali fattispecie jista' jinkwadra ruħu taħt ir-reat kontemplat f'dan l-artikolu għax fl-aħħar mill-aħħar is-sustanza li intuzat hija medicina. Se mai dan il-fatt jista' jammonta għar-reat fit-termini tal-artikolu 241 tal-Kodici Kriminali;

[15] Fol. 334 tal-process.
[16] Fol. 367 tal-process.

(iii) Rigward ir-reati ta' serq indikati f'paragrafu (e) tan-nota ta' rinviju ta' ġudizzju, il-Prosekuzzjoni assolutament ma ġabet l-ebda prova ta' dak li allegatament insteraq. Fix-xhieda tagħha il-parte civile tagħmel riferenza li hija kellha mobile u curkett li ittieħdu lilha. Għajr għad-deposizzjoni tal-istess parte civile, prova konvincenti oħra pero li dawn l-oġġetti kienu jappartjenu lilha ma inġabitx. Lanqas l-aktar prova semplici tal-valur tal-istess oġġetti ma saret. Il-fatt li ġie esebit ritratti tal-imputat liebes katina b'curkett magħha ma jistax jitqies li hija prova cirkustanzjali li twassal biss għall-konklużjoni li l-istess imputat seraq hu stess dan ic-curkett. Dan meta l-istess parte civile lanqas ritratt li juri lilha liebsa l-istess curkett ma ippreżentat jew inkella xi forma ta' evidenza oħra li tindika li hija kellha l-pussess tal-istess curkett qabel l-akkadut.

(iv) Għar-rigward ir-reat kontemplat fl-artikolu 55(a) tal-Kap. 480 dan ir-reat lanqas ma jirriżulta. Kif irrilevat id-difiża fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha s-skieken li instabu fuq il-post kienu prattikament skieken tal-kcina. Skont ġurisprudenza tal-Qrati tagħna, tali skieken ma jammontawx għal arma regolari iżda *se mai* għall-arma irregolari. Għalhekk l-armi użati lanqas jaqgħu fil-parametri ta' dan l-artikolu li ġie indikat;

Fl-aħħar nett rigward ir-reati li l-Avukat Ġenerali indika:

- fil-paragrafu (a) tan-nota ta' rinviju ta' ġudizzju precizament ir-reat taħt l-artikolu 214 li ġew kaġunati offiżi fuq il-persuna tal-parte civile (għalkemm mill-atti ma ħariġx car jekk l-offiżi kinux ta' natura ħafifa jew gravi);

- fil-paragrafu (d) tal-istess nota preciżament dak li jirrigwarda r-reat ta' sekwestru ta'persuna kontemplat taħt l-artikoli 86 u 87 tal-Kap. 9;

- fil-paragrafu (f) precizament l-artikolu 251(1) li jitkellem dwar l-użu tal-vjolenza kontra l-privat

jingħad li għalkemm il-fattispecie tat-tlett reati jirriżultaw mill-provi li ġew prodotti, b'danakollu m'hemm xejn li jista' jwassal lill-Qorti sabiex b'mod seren tasal biex tqis li l-imputat wettaq dawn ir-reati. Dan minħabba n-nuqqas ta' provi konvincenti u anke għall-fatt li x-xhieda tal-parte civile in kwantu tirrigwarda l-identifikazzjoni li hija għamlet tal-imputat ma tistax titqies li hija waħda kredibbli u veritiera.

**DECIDE**

Għaldaqstant għal dawn il-motivi il-Qorti **mhux qiegħda issib lill-imputat Nizar Gweleg ħati** tal-akkużi kollha li ġew dedotti fil-konfront tiegħu u qiegħda għalhekk tilliberah minn kull imputazzjoni u ħtija.

---

**Dr Joseph Mifsud**

**Maġistrat**